IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 1.3.2022
COM(2022) 75 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL**

**dwar l-implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u Reżiljenza**

MT MT

**Werrej**


**1. Introduzzjoni ........ 3**

**2. Fejn ninsabu fl-implimentazzjoni tal-Faċilità? ........ 5**

**2.1. Is-sitwazzjoni attwali tal-proċess ta' implimentazzjoni ........ 5**

Tabella 1: Is-sitwazzjoni attwali dwar l-implimentazzjoni tal-PKS ........ 6

Grafika 1: Passi ewlenin fil-valutazzjoni u l-prefinanzjament tal-RRP ........ 7

Tabella 2: L-ipproċessar tat-talbiet għal pagament ........ 8

**2.2. Is-sitwazzjoni attwali dwar il-finanzjament tal-Faċilità ........ 11**

**3. X'jinkludu fil-fatt il-Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza? ........ 13**

**3.1. RRPs ippreżentati - ħarsa ġenerali introduttorja ........ 13**

Grafika 2: Skeda ta' żmien stmata għat-tlestija tal-istadji importanti u l-miri ........ 13

Grafika 3: Is-sehem tal-fondi tal-RRF li jikkontribwixxu għal kull pilastru tal-politika ........ 14

**3.2. Kontribuzzjoni tal-Faċilità għat-tranżizzjoni ekoloġika (pilastru 1) ........ 15**

Grafika 4: Tikketta klimatika u ambjentali addizzjonali skont l-Istat Membru ........ 15

Grafika 5: Kontribuzzjoni tal-Faċilità għat-tranżizzjoni ekoloġika (pilastru 1) ........ 16

**3.3. Kontribuzzjoni tal-Faċilità għat-trasformazzjoni diġitali (pilastru 2) ........ 23**

Grafika 6: Kontribuzzjoni għall-objettivi diġitali bħala sehem tal-RRP ........ 23

Grafika 7: Tqassim tan-nefqa għall-appoġġ tat-trasformazzjoni diġitali (pilastru 2) ........ 24

**3.4. Kontribuzzjoni tal-Faċilità għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv (pilastru 3) 30**

Grafika 8: Tqassim tan-nefqa ta' appoġġ għat-tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv (pilastru 3) ........ 30

**3.5. Kontribuzzjoni tal-Faċilità għall-koeżjoni soċjali u territorjali (pilastru 4) ........ 34**

Grafika 9: Tqassim tan-nefqa li tappoġġa l-koeżjoni soċjali u territorjali għal kull qasam ta' politika (pilastru 4) ........ 35

**3.6. Il-kontribut tal-Faċilità għas-saħħa, u r-reżiljenza ekonomika, soċjali u istituzzjonali, bil-għan li, fost l-oħrajn, tiżdied it-tħejjija għall-kriżijiet u l-kapaċità ta' rispons għall-kriżijiet (pilastru 5) ........ 39**

Grafika 10: Tqassim tan-nefqa li tappoġġa s-saħħa u r-reżiljenza għal kull qasam ta' politika (pilastru 5) ........ 39

Grafika 11: Numbru ta' miżuri li jappoġġaw s-saħħa u r-reżiljenza għal kull qasam ta' politika (pilastru 5) ........ 40

**3.7. Kontribuzzjoni tal-Faċilità għall-politiki għall-ġenerazzjoni li jmiss, it-tfal u ż-żgħażagħ, bħall-edukazzjoni u l-ħiliet (pilastru 6) ........ 47**

Grafika 12: Tqassim tan-nefqa li tappoġġa l-politiki għall-ġenerazzjoni li jmiss għal kull qasam ta' politika (pilastru 6) ........ 48

3.8. Awtovalutazzjonijiet tas-sigurtà ........ 50
4. Qafas ta’ implimentazzjoni tal-RRF ........ 52
4.1. Il-kontribut tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza għall-implimentazzjoni tar-riformi u politiki oħra tal-UE ........ 52
Grafika 13: Għadd ta’ riformi għal kull pilastru ........ 52
Grafika 14: Riformi/Investimenti għal kull Stat Membru ........ 53
Grafika 15: Ishma tas-CSRs koperti mill-RRPs, skont l-oqsma ta’ politika (kif definiti f’CeSaR) ........ 54
Grafika 16: L-impatt fuq il-PDG tal-NGEU (%) fis-simulazzjonijiet QUEST, il-pajjiżi tal-UE ........ 55
Grafika 17: L-impatt fuq il-PDG tal-NGEU (%) fis-simulazzjonijiet QUEST ........ 56
4.2. Kontribuzzjoni tal-RRF għal proġetti multinazzjonali ........ 58
Tabella 3: Proġetti ekoloġiċi multinazzjonali fl-RRPs adottati ........ 59
Tabella 4: Proġetti diġitali multinazzjonali ........ 60
4.3. L-implimentazzjoni tal-RRF u l-involviment tal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha ........ 60
4.4. Sistema ta’ kontroll u protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni ........ 64
4.5. Komplementarjetà ma' finanzjament ieħor tal-UE ........ 66
5. Konklużjoni ........ 68

**Tabelli u Figuri**


Table 1: State of play on RRF implementation ........ 6

Figure 1: Key steps in RRP assessment and pre-financing ........ 7

Table 2: Processing of payment requests ........ 8

Figure 2: Estimated timeline for completion of milestones and targets ........ 12

Figure 3: Share of RRF funds contributing to each policy pillar ........ 13

Figure 4: Climate and additional environmental tag by Member State ........ 14

Figure 5: Breakdown of expenditure supporting the green transition (pillar 1) ........ 15

Figure 6: Contribution to digital objectives as share of RRP ........ 22

Figure 7: Breakdown of expenditure supporting the digital transformation (pillar 2) ........ 23

Figure 8: Breakdown of expenditure supporting smart, sustainable and inclusive growth (pillar 3) ........ 29

Figure 9: Breakdown of expenditure supporting social and territorial cohesion per policy area (pillar 4) ........ 33

Figure 10: Breakdown of expenditure supporting health and resilience per policy area (pillar 5) ........ 37

Figure 11: Number of measures supporting health and resilience per policy area (pillar 5) ... 38

Figure 12: Breakdown of expenditure supporting policies for the next generation per policy area (pillar 6) ........ 45

Figure 13: Number of reforms per pillar ........ 49

Figure 14: Reforms/Investments per Member State ........ 50

Figure 15: Shares of CSRs covered by the RRPs, by policy areas (as defined in CeSaR) ...... 50

Figure 16: NGEU GDP Impact (%) in QUEST simulations, EU countries ........ 51

Figure 17: NGEU GDP Impact (%) in QUEST simulations ........ 52

Table 3: Green multi-country projects in the adopted RRPs ........ 55

Table 4: Digital multi-country projects ........ 56

# 1. Introduzzjoni

**Il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, stabbilita bir-Regolament (UE) 2021/241 fid-19 ta' Frar 2021, hija l-qofol ta' "Next Generation EU", ir-rispons tal-UE biex toħroġ aktar b'saħħitha mill-pandemija tal-coronavirus.** Sena wara, l-objettiv ta' dan ir-rapport huwa li jevalwa l-implimentazzjoni ta' din l-aġenda straordinarja ta' riformi u investimenti. F'sena waħda, ittieħdu passi kbar u l-implimentazzjoni tinsab għaddejja b'mod sod.

**Wara xhur ta' tħejjija intensiva minħabba l-iskala u l-kamp ta' applikazzjoni bla preċedent tagħhom, l-Istati Membri bdew jippreżentaw il-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza tagħhom f'April 2021.** Il-Kummissjoni wettqet il-fażi ta' valutazzjoni b'mod espedjenti u l-Kunsill adotta l-ewwel deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni tal-Kunsill f'Lulju 2021. S'issa, kważi l-Istati Membri kollha ppreżentaw il-Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza tagħhom, li 22 minnhom l-ewwel ġew ivvalutati b'mod pożittiv mill-Kummissjoni u sussegwentement adottati mill-Kunsill. Il-Kummissjoni nediet ukoll id-diskussjonijiet mal-Istati Membri biex jintlaħaq qbil dwar arranġamenti operazzjonali, li jistabbilixxu l-qafas għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-pjanijiet. Il-Kummissjoni ġabret fondi fis-swieq kapitali u ħarġet l-ewwel bonds ekoloġiċi tagħha, u sal-lum żborżat EUR 66.6 biljun fi prefinanzjament lill-Istati Membri, li minnhom EUR 56.6 biljun fi prefinanzjament, u appoġġat lill-Istati Membri u lill-Unjoni fi żmien meta l-pandemija tal-coronavirus qed tkompli taffettwa l-ekonomiji tagħhom.

**Il-Faċilità daħlet fil-fażi ta' implimentazzjoni, u għamlet progress rapidu skont l-iskeda ta' żmien tar-riformi u l-investimenti stabbilita mill-Istati Membri.** L-ewwel talba għal pagament ġiet ipproċessata bis-sħiħ fl-2021, bi żborż ta' EUR 10 biljun lil Spanja f'Diċembru 2021, filwaqt li aktar minn 30 talba għal pagament huma mistennija li jiġu ppreżentati fl-2022. Il-kalendarju tal-pagamenti huwa konformi mal-fażi ta' implimentazzjoni mistennija tal-Faċilità. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri ħadmu flimkien mill-qrib biex jiksbu dan ir-riżultat. Il-progress fl-implimentazzjoni tal-pjanijiet jista' jiġi segwit b'mod dirett fuq pjattaforma, it- "Tabella ta' Valutazzjoni għall-Irkupru u r-Reżiljenza", stabbilita mill-Kummissjoni f'Diċembru 2021.

**Dan ir-rapport huwa l-ewwel wieħed minn sensiela ta' rapporti annwali dwar l-implimentazzjoni tal-Faċilità[1].** Dan jipprovdi ħarsa ġenerali lejn l-istat attwali tal-implimentazzjoni tal-Faċilità, tal-pjanijiet adottati u jagħti dettalji dwar il-kontribuzzjoni tal-Faċilità għall-miri klimatiċi u diġitali, kif meħtieġ mill-Artikolu 31 tar-Regolament. F'dan l-istadju, peress li l-Faċilità għadha fl-istadju bikri tal-implimentazzjoni tagħha, dan ir-rapport jiddeskrivi l-kontribuzzjoni mistennija tal-Faċilità għas-sitt pilastri skont il-miżuri previsti fil-pjanijiet, li se jiġu implimentati gradwalment matul il-ħajja tal-Faċilità. Ir-rapport imbagħad iqis il-prestazzjoni tal-Faċilità, filwaqt li jqis l-impenn għall-investimenti u r-riformi inkorporati f'dan l-istrument uniku, u jiddiskuti l-involviment tal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha. Jiddeskrivi wkoll il-mekkaniżmi fis-seħħ għall-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni u l-artikolazzjoni bejn il-Faċilità u sorsi oħra ta' fondi tal-UE biex jiġi

[1] Kif meħtieġ skont l-Artikolu 31 tar-Regolament dwar l-RRF.

evitat finanzjament doppju. L-informazzjoni pprovduta f'dan ir-rapport hija bbażata fuq il-kontenut tal-pjanijiet adottati, kif ivvalutati mill-Kummissjoni, fuq id-data rrappurtata mill-Istati Membri sal-aħħar ta' Novembru 2021 bħala parti mill-obbligu ta' rapportar biannwali tagħhom, u fuq l-iżviluppi fl-implimentazzjoni tal-Faċilità sa tmiem Jannar 2022. Dan ir-rapport ma jkoprix b'mod estensiv l-istatus tal-implimentazzjoni tal-pjanijiet individwali, u lanqas l-indikaturi komuni, minħabba l-istadju bikri fl-implimentazzjoni tal-Faċilità. L-eżempji mogħtija, b'mod partikolari l-kaxxi fit-taqsima 3, huma inklużi bħala illustrazzjoni iżda mhumiex maħsuba biex ikunu eżawrjenti.

## 2. Fejn ninsabu fl-implimentazzjoni tal-Faċilità?

### 2.1. Is-sitwazzjoni attwali tal-proċess ta' implimentazzjoni[2]

*Adozzjoni tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza*

**Il-maġġoranza tal-Istati Membri ppreżentaw il-Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRPs) tagħhom sas-sajf tal-2021.** Biex tappoġġa lill-Istati Membri fit-tħejjija tal-pjanijiet tagħhom, il-Kummissjoni stabbiliet kuntatti informali mal-Istati Membri minn Ottubru 2020 u ppubblikat Gwida[3] f'Jannar 2021 dwar l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta fil-pjanijiet. Sabiex jaċċessaw l-appoġġ finanzjarju taħt il-Faċilità, l-Istati Membri kellhom iħejju RRPs li jistabbilixxu aġenda nazzjonali ta' riformi u investimenti li għandha tiġi implimentata sal-31 ta' Awwissu 2026. Ir-Regolament li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza[4] daħal fis-seħħ fit-19 ta' Frar 2021. S'issa, il-Kummissjoni rċeviet uffiċjalment 26 RRPs (ara t-Tabella 1 u l-Anness 1).

**Il-Kummissjoni vvalutat kull pjan b'ħeffa b'mod konsistenti u trasparenti,** skont l-11-il kriterju stabbiliti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament RRF[5]. Matul il-proċess ta' valutazzjoni, il-Kummissjoni kienet f'kuntatt mill-qrib mal-Istati Membri biex twettaq valutazzjoni komprensiva. Il-Kummissjoni appoġġat lill-Istati Membri biex iressqu pjanijiet ambizzjużi bi stadji importanti u miri ċari u realistiċi biex jimmonitorjaw il-progress tagħhom matul l-implimentazzjoni.

**Sal-bidu ta' Ottubru, il-Kummissjoni kkonkludiet il-valutazzjoni pożittiva tagħha ta' 22 RRPs u ressqet proposti għal Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill għal kull wieħed minnhom,** akkumpanjati minn Dokument ta' Ħidma tal-Persunal li janalizza l-kontenut tal-pjan rispettiv. Id-deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill u d-Dokumenti ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni huma kollha ppubblikati fuq is-sit web tal-Kummissjoni[6]. Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni għadha għaddejja għal erba' pjanijiet, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri rispettivi (il-Bulgarija, l-Ungerija, il-Polonja u l-Iżvezja), kif previst fl-Artikolu 19(1) tar-Regolament RRF.

**B'mod ġenerali, l-adozzjoni tat-22 deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill segwiet proċess rapidu u bla xkiel.** Wara diskussjonijiet intensivi bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri matul il-fażi ta' tħejjija tal-pjanijiet, il-Kummissjoni pproċediet malajr bil-valutazzjoni tagħha. Għall-biċċa l-kbira tal-pjanijiet, il-Kummissjoni adottat il-valutazzjoni pożittiva tagħha f'inqas mix-xahrejn (2) previsti fl-Artikolu 19(1) tar-Regolament wara s-sottomissjoni uffiċjali tagħhom (ara t-Tabella 1). Il-Kunsill imbagħad seta' japprova wkoll il-valutazzjoni tal-biċċa l-kbira tal-RRPs fi żmien inqas minn xahar (ara t-Tabella 1). Wara l-adozzjoni tal-pjanijiet, il-Kummissjoni kkonkludiet ftehim ta' finanzjament – u fejn rilevanti,

[2] Għall-finijiet ta' dan ir-rapport, id-data u ċ-ċifri kollha huma ppreżentati b'data ta' għeluq tat-28 ta' Frar 2022.
[3] DĦP(2021) 12 final
[4] Ir-Regolament (UE) 2021/241 tat-12 ta' Frar 2021.
[5] https://ec.europa.eu/economy_finance/recovery-and-resilience-scoreboard/index.html.
[6] Il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza | Il-Kummissjoni Ewropea (europa.eu).

ftehim ta' self – mal-Istat Membru kkonċernat, li jiddefinixxi d-drittijiet u l-obbligi tal-Partijiet, inkluż fir-rigward tal-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni u r-rekwiżiti għas-sistema ta' kontroll tal-Istati Membri, kif ukoll l-ammont tal-kontribuzzjoni finanzjarja disponibbli.

*Tabella 1: Is-sitwazzjoni attwali dwar l-implimentazzjoni tal-PKS*




### *Prefinanzjament*

**Il-Kummissjoni pproċediet b'pagament ta' prefinanzjament sa 13 % tal-kontribuzzjoni finanzjarja u self lil 21-il Stat Membru li talbuha**, wara l-iffirmar tal-ftehim ta' finanzjament, u l-ftehim ta' self meta rilevanti. F'konformità mal-Artikolu 13(1), il-pagament ta' prefinanzjament jikkonċerna biss lill-Istati Membri li l-RRPs ġew approvati mill-Kunsill fl-2021.

**B'kollox, il-Kummissjoni żborżat EUR 56.6 biljun fi prefinanzjament.** Il-pagamenti tal-prefinanzjament ġew eżegwiti fi żmien sitt (6) ijiem ta' xogħol wara l-iffirmar tal-Ftehimiet ta' Finanzjament (u/jew Self) (fejn rilevanti), ferm qabel l-iskadenza ta' 2-il xahar prevista fir-Regolament RRF (ara t-Tabella 1). Minħabba li l-RRF hija strument ibbażat fuq il-prestazzjoni, kwalunkwe żborż sussegwenti huwa kundizzjonali għall-issodisfar tal-istadji importanti u l-miri rilevanti li jirfdu r-riformi u l-investimenti stabbiliti saż-żmien tat-talba għal pagament.

### *Arranġamenti operazzjonali*

[7] Ma ntalabx prefinanzjament.

**Kif meħtieġ skont ir-Regolament dwar l-RRF, il-Kummissjoni sussegwentement iddiskutiet, ma' kull wieħed mit-22 Stat Membru kkonċernat, arranġamenti operazzjonali li jistabbilixxu l-modalitajiet għall-monitoraġġ u l-kooperazzjoni u li jkopru aspetti essenzjali tal-implimentazzjoni.** L-arranġamenti operazzjonali jipprevedu skambji regolari bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri, b'mill-inqas skambji trimestrali biex jittieħed kont tal-progress fl-implimentazzjoni tal-RRP, kif ukoll l-organizzazzjoni ta' avveniment annwali biex tiġi diskussa l-implimentazzjoni tal-RRP u programmi oħra tal-Unjoni, li jistgħu jservu bħala pjattaforma orizzontali biex tiġi diskussa l-implimentazzjoni tal-pjanijiet u tiġi żgurata kooperazzjoni mill-qrib bejn l-atturi kollha involuti. L-arranġamenti operazzjonali jiċċaraw ukoll il-mekkaniżmu ta' verifika għal kull stadju u mira importanti, u meta jkun meħtieġ, jintroduċu passi ta' monitoraġġ biex isegwu l-implimentazzjoni tal-pjan. Sal-lum, ġew konklużi tmien arranġamenti operazzjonali (Spanja, Franza, is-Slovakkja, il-Greċja, l-Italja, il-Portugall, il-Kroazja, il-Latvja; ara l-Anness 1). L-iffirmar ta' arranġamenti operazzjonali huwa pass ewlieni, kif meħtieġ qabel ma l-Istat Membru jkun jista' jippreżenta l-ewwel talba tiegħu għal pagament.

*Grafika 1: Passi ewlenin fil-valutazzjoni u l-prefinanzjament tal-RRP*




*Proċess ta' żborż*

**Ladarba Stat Membru jkun issodisfa l-istadji importanti u l-miri rilevanti kollha biex jillibera żborż,** kif spjegat fid-dettall fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill rispettiva, u jippreżenta talba għal pagament, il-Kummissjoni għandha 2-il xahar biex tivvaluta l-issodisfar sodisfaċenti tal-istadji importanti u l-miri rilevanti u l-informazzjoni li tirfed il-kisba tagħhom ippreżentata mill-Istat Membru rispettiv. Biex tikkonkludi din il-valutazzjoni, il-Kummissjoni tipprovdi l-valutazzjoni preliminari pożittiva tagħha lill-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju. Fi żmien erba' ġimgħat, il-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju għandu jipprovdi opinjoni dwar dawn is-sejbiet, u warajha d-deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza l-iżborż tiġi adottata skont il-proċedura ta' eżami deskritta fir-Regolament dwar il-Komitoloġija. Għal dan il-għan, ġie stabbilit Kumitat tal-RRF, kif previst

fl-Artikolu 35 tar-Regolament RRF, biex jiddiskuti l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-talbet għal pagament mill-Istati Membri[8]. Dan il-Kumitat huwa magħmul mir-rappreżentanti tal-Istati Membri. Fi tmiem il-proċedura tal-komitoloġija, il-Kummissjoni tadotta deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tqis il-fehmiet espressi mill-Membri.

***Talbiet għal pagament***

**Sal-lum, il-Kummissjoni rċeviet ħames talbiet għal pagament.** It-tabella ta' hawn taħt tipprovdi s-sitwazzjoni attwali.

*Tabella 2: L-ipproċessar tat-talbiet għal pagament*

| | Id-data tat-talba għal pagament | Għadd ta' stadji importanti u miri (S&M) | Ammont nett ta' prefinanzjament[9] | Stat |
|---|---|---|---|---|
| Spanja | 11/11/21 | 52 S&M | EUR 10 biljun | • Il-valutazzjoni pożittiva preliminari tal-Kummissjoni: 03/12/2021<br>• Opinjoni pożittiva tal-KEF: 21/12/2021<br>• Opinjoni pożittiva tal-Kumitat dwar l-RRF: 22/12/2021<br>• L-iżborż tal-Kummissjoni: 27/12/2021 |
| Franza | 26/11/21 | 38 S&M | EUR 7.4 bn | • Il-valutazzjoni pożittiva preliminari tal-Kummissjoni: 26/01/2022<br>• Opinjoni pożittiva tal-KEF: 11/02/2022<br>• Opinjoni pożittiva tal-Kumitat dwar l-RRF: 21/02/2022 |
| Il-Greċja | 29/12/21 | 15 S&M | EUR 3.6 bn | • Il-valutazzjoni pożittiva preliminari tal-Kummissjoni: 28/02/2022 |
| L-Italja | 30/12/21 | 51 S&M | EUR 21 bn | • Il-valutazzjoni pożittiva preliminari tal-Kummissjoni: 28/02/2022 |
| Il-Portugall | 25/01/22 | 38 S&M | EUR 1.16 bn | Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni għadha għaddejja |

**Sal-lum, il-Kummissjoni żborżat l-ewwel pagament għal Spanja.** Spanja kienet l-ewwel Stat Membru li ressqet talba għal pagament fil-11 ta' Novembru 2021, wara l-iffirmar tal-arranġamenti operazzjonali. L-ewwel talba għal pagament ta' Spanja tikkonċerna t-twettiq sodisfaċenti ta' 52 stadju importanti, prinċipalment relatati ma' riformi li kienu diġà implimentati sat-tieni trimestru tal-2021. Minħabba n-natura retrospettiva tal-biċċa l-kbira tal-istadji importanti u minħabba li Spanja kienet qasmet mal-Kummissjoni l-biċċa l-kbira tal-informazzjoni meħtieġa biex twettaq il-valutazzjoni tagħha qabel is-sottomissjoni uffiċjali tat-talba għal pagament, il-Kummissjoni setgħet tipproċessa l-valutazzjoni tat-talba għal

[8] Skont l-Artikolu 35 tar-Regolament RRF, dan il-kumitat ta' komitoloġija huwa stabbilit skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

[9] L-ammont nett tal-prefinanzjament iqis l-ammonti ta' prefinanzjament żborżati, bi tnaqqis magħmul pro rata.

pagament malajr[10] u żborżat EUR 10 biljun tal-kontribuzzjoni finanzjarja (nett mill-prefinanzjament) lil Spanja fis-27 ta' Diċembru 2021.

**Filwaqt li jirrikonoxxi t-twettiq tal-istadji u l-miri importanti li jirfdu l-miżuri tal-RRP rispettivi, l-ewwel pagament lil Spanja diġà juri l-progress li sar fl-implimentazzjoni tal-RRF.** L-istadji importanti inklużi fil-pagament juru passi sinifikanti fl-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza ta' Spanja, u tal-aġenda ta' riforma wiesgħa tagħha. Dawn jinkludu miżuri importanti bħal-Liġi dwar it-Tibdil fil-Klima u t-Tranżizzjoni Enerġetika (li tħaddan in-newtralità klimatika sal-2050), ir-riforma tal-appoġġ għall-introjtu minimu, miżuri li jappoġġaw id-diġitalizzazzjoni tal-SMEs u jagħtu spinta lill-ħiliet diġitali, u riformi li jsaħħu l-kapaċità li jitwettqu u jiġu segwiti r-rieżamijiet tal-infiq. Dan l-eżempju juri kif il-Faċilità diġà qed ikollha impatti tanġibbli fil-prattika, filwaqt li tappoġġa l-implimentazzjoni ta' riformi sinifikanti.

*Il-qafas għar-rappurtar tal-Istati Membri dwar l-implimentazzjoni tal-RRPs*

**L-RRF attwalment daħlet fil-fażi ta' implimentazzjoni u l-Istati Membri bdew jirrapportaw dwar l-implimentazzjoni tal-RRP tagħhom.** L-atti Delegati li jissupplimentaw uħud mir-rekwiżiti ta' rapportar tal-Istati Membri daħlu fis-seħħ fit-2 ta' Diċembru 2021. L-ewwel att delegat (UE) 2021/2106[11] jistabbilixxi indikaturi komuni ta' rapportar u d-dettalji tat-Tabella ta' Valutazzjoni għall-Irkupru u r-Reżiljenza. Dan jispeċifika li l-Istati Membri se jirrapportaw sa April u nofs Ottubru ta' kull sena dwar il-progress li jkun sar fil-kisba tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza tagħhom. Dan ir-rapportar biannwali jikkonsisti fl-għoti ta' informazzjoni fil-qosor dwar il-kisba tal-istadji importanti u l-miri dovuti sat-trimestru ta' qabel ir-rapportar, kif ukoll dawk dovuti fl-erba' trimestri wara l-perjodu ta' rapportar. L-Istati Membri huma mistennija jipprovdu informazzjoni dwar jekk l-istadji importanti u l-miri rilevanti humiex ikkompletati, fit-triq it-tajba jew imdewma. L-Istati Membri jridu jirrapportaw ukoll dwar l-indikaturi komuni definiti darbtejn fis-sena (sa Frar u Awwissu). L-ewwel rappurtar se jsir fi Frar 2022. It-tieni att delegat 2021/2105[12] jistabbilixxi l-metodoloġija għar-rappurtar dwar in-nefqa soċjali fil-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza tal-Istati Membri. Dan l-att delegat huwa importanti biex tiġi definita metodoloġija komuni biex tiġi pprovduta informazzjoni dwar in-nefqa soċjali, inkluż fuq it-tfal u ż-żgħażagħ, u dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi ffinanzjata mill-Faċilità. Il-metodoloġija hija bbażata fuq in-nefqa stmata pprovduta fil-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza approvati. Kull riforma u investiment b'dimensjoni soċjali primarja hija assoċjata ma' wieħed mid-disa' oqsma

[10] Il-Kummissjoni adottat valutazzjoni preliminari pożittiva fit-3 ta' Diċembru 2021. Wara l-opinjoni pożittiva rapida tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju (KEF) fit-21 ta' Diċembru u tal-Kumitat RRF fit-22 ta' Diċembru, il-Kummissjoni setgħet teżegwixxi l-pagament fis-27 ta' Diċembru 2021.

[11] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/2106 tat-28 ta' Settembru 2021 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza billi jistabbilixxi l-indikaturi komuni u l-elementi dettaljati tat-tabella ta' valutazzjoni tal-irkupru u r-reżiljenza, ĠU L 429/83.

[12] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/2105 tat-28 ta' Settembru 2021 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza bid-definizzjoni ta' metodoloġija għar-rapportar dwar in-nefqa soċjali, ĠU L 429/79

speċifiċi ta' politika soċjali[13] definiti fl-att delegat, kull waħda marbuta ma' erba' kategoriji soċjali usa' (l-impjiegi u l-ħiliet, l-edukazzjoni u l-kura tat-tfal, is-saħħa u l-kura fit-tul jew il-politiki soċjali). Kull miżura ta' natura soċjali li tinkludi enfasi fuq it-tfal u ż-żgħażagħ, jew fuq l-ugwaljanza bejn is-sessi, hija indikata b'mod speċifiku wkoll.

**Il-Kummissjoni waqqfet sistema tal-IT, imsejħa FENIX, biex l-Istati Membri jirrappurtaw l-informazzjoni rilevanti dwar l-implimentazzjoni tal-pjanijiet.** Bħala parti mir-rapportar biannwali[14], l-Istati Membri rrappurtaw l-informazzjoni meħtieġa fil-FENIX għall-ewwel darba sal-aħħar ta' Novembru 2021 (peress li dan kien l-ewwel eżerċizzju ta' rappurtar biannwali għall-Istati Membri, l-iskadenza ġiet estiża eċċezzjonalment b'xahar). Din is-sistema tippermetti lill-Istati Membri jaġġornaw l-informazzjoni dwar il-kisba tal-istadji importanti u l-miri fi kwalunkwe mument u jevitaw li jipprovdu diversi drabi informazzjoni simili għall-fini tar-rapportar biannwali jew tas-sottomissjoni ta' talba għal pagament. Ir-rappurtar taħt l-RRF issa huwa kompletament operattiv.

**Ir-rieżami tal-informazzjoni dwar ir-rappurtar biannwali diġà juri stampa pożittiva rigward l-implimentazzjoni tal-istadji importanti u l-miri.** Dan l-eżerċizzju ta' rapportar kien jikkonċerna l-istadji importanti u l-miri kollha li kienu mistennija mill-Q1 2020 sal-Q3 2022. B'mod ġenerali, mill-istadji importanti u l-miri li jħarsu lura mistennija sal-Q3 2021 (l-aktar trimestru riċenti tar-rappurtar), 91 % (266) ġew irrappurtati bħala "kkompletati" u 9 % (25) ġew irrappurtati li ma tlestewx. Mill-istadji importanti u l-miri li jħarsu' l quddiem dovuti bejn Q4 2021 u Q3 2022, 4.4 % (41) ġew irrapportati bħala mdewma, 79.7 % (741) bħala "fit-triq it-tajba" u 14.9 % (139) ġew irrappurtati bħala li diġà tlestew. L-eżerċizzju ta' rappurtar biannwali li jmiss se jsir f'April 2022. Id-data relatata mar-rapportar biannwali hija rrappurtata mill-Istati Membri nfushom u ma tippreġudikax il-valutazzjoni tal-Kummissjoni fil-kuntest tat-talbiet għal pagament dwar l-issodisfar sodisfaċenti tal-istadji importanti u l-miri.

**Il-Kummissjoni stabbiliet it-Tabella ta' Valutazzjoni għall-Irkupru u r-Reżiljenza[15], pjattaforma pubblika online, bħala għodda ta' rapportar dwar il-prestazzjoni tal-Faċilità, li turi b'mod trasparenti l-informazzjoni disponibbli dwar l-implimentazzjoni tal-RRF.** Kull ċittadin jista' jsegwi l-progress fl-implimentazzjoni tal-RRF u l-progress dettaljat għal kull RRP fuq is-sit web tal-Kummissjoni b'mod faċilment aċċessibbli. It-tabella ta' Valutazzjoni turi l-impatt tal-Faċilità fis-sitt pilastri ta' politika. Dan jinkludi wkoll data dwar l-indikaturi komuni u l-informazzjoni rrapportata dwar in-nefqa soċjali. L-ewwel verżjoni tat-Tabella ta' Valutazzjoni ġiet ippubblikata fil-15 ta' Diċembru 2021, li fiha data dwar it-22 RRP approvati mill-Kunsill sa dik id-data.

---

[13] (i) Tagħlim għall-adulti, (ii) Appoġġ għall-impjiegi u ħolqien tal-impjiegi, (iii) Modernizzazzjoni tal-istituzzjonijiet tas-suq tax-xogħol, (iv) Edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal, (v) Edukazzjoni ġenerali, vokazzjonali u għolja, (vi) Kura tas-saħħa, (vii) Kura fit-tul, (viii) Akkomodazzjoni soċjali u infrastruttura soċjali oħra, (ix) Protezzjoni soċjali.

[14] Skont l-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) 2021/241 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, dwar ir-Rappurtar mill-Istat Membru fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, l-Istati Membri huma meħtieġa jirrapportaw darbtejn fis-sena dwar il-progress li jkun sar fil-kisba tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tagħhom.

[15] It-Tabella ta' Valutazzjoni għall-Irkupru u r-Reżiljenza (europa.eu).

## 2.2. Is-sitwazzjoni attwali dwar il-finanzjament tal-Faċilità

*Is-sitwazzjoni attwali tal-finanzjament tan-Next Generation*

**Ir-rwol il-ġdid tal-Kummissjoni bħala emittent attiv[16] fis-suq kapitali huwa pass importanti għall-implimentazzjoni tal-RRF.** Id-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Proprji daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2021 li tippermetti lill-Kummissjoni Ewropea tibda tissellef għall-istrument temporanju ta' rkupru Next Generation EU (NGEU) (l-ewwel tranżazzjoni saret f'Ġunju 2021). Il-Kummissjoni ngħatat is-setgħa li tissellef sa EUR 806.9 biljun fil-perjodu 2021-2026 (prezzijiet attwali). Dan l-ammont jinvolvi l-ħruġ annwali ta' bonds, bħala medja, sa madwar EUR 150 biljun fis-sena bejn nofs l-2021 u l-2026, li jagħmel lill-UE waħda mill-akbar emittenti ta' bonds denominati f'euro. Sa EUR 250 biljun tal-ammont iddikjarat se jinħarġu fil-forma ta' bonds ekoloġiċi (ara hawn taħt).

**S'issa, il-Kummissjoni ġabret EUR 78.5 biljun f'finanzjament fit-tul permezz ta' bonds u EUR 33 biljun f'finanzjament fuq terminu qasir permezz ta' Kambjali tal-UE ta' 3 xhur u 6 xhur** (li minnhom EUR 12-il biljun diġà mmaturaw). Abbażi tal-klassifikazzjoni tal-kreditu għolja tal-UE, il-Kummissjoni tista' tissellef b'kundizzjonijiet vantaġġużi u b'hekk timminimizza l-kost tad-dejn relatat mal-fond ta' rkupru. Il-volumi ta' finanzjament tal-NGEU s'issa ġew assorbiti sew u d-domanda għall-kwistjonijiet il-ġodda kienet qawwija.

**Il-Kummissjoni kienet kapaċi tiffinanzja l-pagamenti kollha ppjanati/it-talbiet li deħlin, u b'mod espedjenti ħafna.** Sal-lum, ġew żborżati aktar minn EUR 66.6 biljun lil 21 Stat Membru taħt l-RRF. Il-pagamenti tal-prefinanzjament ġew eżegwiti fi żmien ftit jiem wara l-iffirmar tal-Ftehimiet ta' Finanzjament u/jew ta' Self rilevanti, ferm qabel il-perjodi previsti fir-Regolament RRF. L-ewwel pagament lil Spanja ġie eżegwit ukoll malajr (tlett (3) ijiem ta' xogħol wara l-opinjoni pożittiva tal-Kumitat RRF).

*Il-qafas tal-bonds ekoloġiċi*

**Il-Kummissjoni fasslet qafas komprensiv ta' bonds ekoloġiċi tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku għall-ħruġ tagħha taħt Next Generation EU u qed tippjana li toħroġ sa 30 % tal-finanzjament tan-Next Generation EU bħala bonds ekoloġiċi**, li jikkonferma l-impenn tal-UE għal finanzjament sostenibbli. Il-qafas huwa orjentat skont l-istandards tas-suq u jipprovdi bonds ekoloġiċi kredibbli lill-investituri. Il-miżuri kollha inklużi fil-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza jridu jirrispettaw il-prinċipju li ma ssir l-ebda ħsara (DNSH) għal objettivi ambjentali oħra. Biex jinkiseb dan ir-riżultat, l-Istati Membri qablu bħala parti mill-ftehimiet ta' finanzjament u self iffirmati bħala parti mill-implimentazzjoni tal-RRF li jwettqu rapportar regolari tal-infiq tagħhom fuq investimenti li jikkontribwixxu għall-objettivi tat-tibdil fil-klima. Il-Kummissjoni ġabret EUR 14.5 biljun permezz tal-ewwel ħruġ ta' bonds ekoloġiċi li qatt inħareġ fit-12 ta' Ottubru 2021.

[16] Biex nikkontribwixxu fi programm ta' nfiq tal-Unjoni.

# 3. X'jinkludu fil-fatt il-Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza?

## 3.1. RRPs ippreżentati - ħarsa ġenerali introduttorja

### *Ħarsa ġenerali*

Sal-lum, it-22 RRP approvati mill-Kunsill jammontaw għal allokazzjoni totali ta' EUR 291 biljun f'finanzjament mhux ripagabbli u EUR 154 biljun f'self. Sitt Stati Membri għandhom pjan adottat li jinkludi self (Ċipru, il-Greċja, l-Italja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja).

Dawn it-22 RRP jinkludu madwar terz tar-riformi u żewġ terzi tal-investimenti, u total ta' 5155 stadju u mira importanti li jridu jintlaħqu sal-2026.

*Grafika 2: Skeda ta' żmien stmata għat-tlestija tal-istadji importanti u l-miri*




### *Kontribut għas-sitt pilastri: introduzzjoni metodoloġika*

**Skont l-Artikolu 3 tar-Regolament dwar l-RRF, ir-riformi u l-investimenti inklużi fl-RRPs għandhom jikkontribwixxu għas-sitt pilastri[17] ta' politika li jiddefinixxu l-kamp ta' applikazzjoni tal-Faċilità**, filwaqt li jqisu s-sitwazzjoni u l-isfidi speċifiċi tal-Istat Membru rilevanti.

Il-Kummissjoni żviluppat metodoloġija biex tirrapporta dwar il-kontribuzzjoni ta' kull pjan għas-sitt pilastri tal-Faċilità, fejn kull (sotto) miżura ġiet immarkata taħt qasam ta' politika primarju wieħed u wieħed sekondarju (skont lista ta' oqsma ta' politika stabbiliti mill-Kummissjoni[18]) li huma assoċjati ma' wieħed mis-sitt pilastri, li jirrifletti li riforma jew investiment jistgħu jkunu relatati ma' diversi pilastri. Sa fejn ikun possibbli, u kif deskritt

[17] Is-sitt pilastri huma: (i) it-tranżizzjoni ekoloġika, (ii) it-trasformazzjoni diġitali, (iii) it-tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv, inklużi l-koeżjoni ekonomika, l-impjiegi, il-produttività, il-kompetittività, ir-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni, u suq intern li jiffunzjona tajjeb b'intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) b'saħħithom, (iv) il-koeżjoni soċjali u territorjali, (v) is-saħħa, u r-reżiljenza ekonomika, soċjali u istituzzjonali bil-għan li, fost l-oħrajn, jiżdiedu t-tħejjija għall-kriżijiet u l-kapaċità ta' rispons għall-kriżijiet, u (vi) il-politiki għall-ġenerazzjoni li jmiss, it-tfal u ż-żgħażagħ, bħall-edukazzjoni u l-ħiliet.

[18] Għal aktar informazzjoni, ara t-Tabella ta' Valutazzjoni tal-RRF disponibbli fuq: https://ec.europa.eu/economy_finance/recovery-and-resilience-scoreboard/index.html.

hawn taħt, ir-rappurtar tal-pilastru huwa konsistenti ma' eżerċizzji oħra ta' tikkettar (nefqa klimatika, diġitali, soċjali). Għalhekk, peress li kull miżura tikkontribwixxi għal tnejn mis-sitt pilastri ta' politika, il-kontribuzzjoni totali stmata għall-pilastri kollha murija fil-Figura 2 tammonta għal 200 % tal-fondi tal-RRF allokati lill-Istati Membri.

*Grafika 3: Is-sehem tal-fondi tal-RRF li jikkontribwixxu għal kull pilastru tal-politika*




*Didaskalija: Il-partijiet ta' kulur skur tal-kolonni jirrappreżentaw dawk il-miżuri li ġew ittikkettati u assenjati lill-pilastru bħala qasam ta' politika primarju, filwaqt li l-partijiet iktar ċari jirrappreżentaw miżuri mmarkati bħala qasam ta' politika sekondarju.*

**Barra minn hekk, il-Kummissjoni adottat metodoloġija biex tirrapporta dwar in-nefqa soċjali fir-Regolament Delegat 2021/2105 (ara t-taqsima 1).** Ir-riformi u l-investimenti b'dimensjoni soċjali ġew assoċjati ma' wieħed minn disa' oqsma ta' politika soċjali, kull wieħed marbut ma' waħda minn erba' kategoriji soċjali (jiġifieri l-impjiegi u l-ħiliet, l-edukazzjoni u l-indukrar tat-tfal, is-saħħa u l-kura fit-tul, u l-politiki soċjali) kif stabbilit fl-Anness tar-Regolament Delegat. Dan huwa kkumplimentat mill-immarkar ta' miżuri b'enfasi fuq it-tfal u ż-żgħażagħ jew fuq l-ugwaljanza bejn is-sessi fil-pjanijiet approvati. Madankollu, sabiex tinżamm il-konsistenza fl-oqsma kollha ta' politika appoġġati mill-RRPs (lil hinn minn dawk soċjali), dan ir-rapport jippreżenta miżuri u nfiq skont il-metodoloġija tal-pilastru.

**Ir-Regolament dwar l-RRF kien jirrikjedi wkoll li kull Stat Membru jiddedika mill-inqas 37 % tal-allokazzjoni totali tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tiegħu għal miżuri li jikkontribwixxu għall-objettivi klimatiċi u mill-inqas 20 % tal-allokazzjoni totali għall-objettivi diġitali.** L-RRPs speċifikaw u ġġustifikaw sa liema punt kull miżura tikkontribwixxi bis-sħiħ (100 %), parzjalment (40 %) jew ma għandha l-ebda impatt (0 %) fuq l-objettivi klimatiċi u/jew diġitali. Il-kontribuzzjonijiet għall-objettivi klimatiċi u diġitali ġew ikkalkulati bl-użu tal-Annessi VI (trekkjar klimatiku) u VII (tikkettar diġitali) tar-Regolament RRF, rispettivament, li jipprovdu "qasam ta' intervent" rilevanti flimkien ma' koeffiċjent għall-kalkolu tal-appoġġ għall-objettivi klimatiċi jew diġitali (0 %, 40 % jew 100 %). Kull

miżura tal-RRPs ġiet ittikkettata f'konformità ma' dawn l-oqsma ta' intervent. Il-kombinazzjoni tal-koeffiċjenti mal-istimi tal-kostijiet ta' kull miżura tippermetti l-kalkolu sa liema punt il-pjanijiet jikkontribwixxu għall-miri klimatiċi u diġitali.

### 3.2. Kontribuzzjoni tal-Faċilità għat-tranżizzjoni ekoloġika (pilastru 1)

*Mira klimatika*

**Madwar 40 % tal-allokazzjoni totali tal-pjanijiet hija relatata ma' miżuri li jappoġġaw l-objettivi klimatiċi u għadd ta' RRPs jaqbżu b'marġni sostanzjali l-mira klimatika ta' 37 % stabbilita fir-Regolament (ara l-Grafika 4).** In-nefqa totali għall-klima fil-pjanijiet adottati tal-22 tammonta għal EUR 177.4 biljun. Barra minn hekk, il-pjanijiet jinkludu EUR 16.3 biljun ta' nefqa ambjentali addizzjonali[19], li tqis l-ammont totali tan-nefqa li hija ttikkettata bħala li tagħmel kontribuzzjoni għall-objettivi klimatiċi jew ambjentali għal EUR 193.7 biljun[20] (jew 43.5 % tal-allokazzjoni totali), kif ikkalkulat skont il-metodoloġija tat-trekkjar klimatiku.

*Grafika 4: Tikketta klimatika u ambjentali addizzjonali skont l-Istat Membru*




*Nefqa ġenerali lejn it-tranżizzjoni ekoloġika fl-RRPs kollha*

**L-RRF se tgħin biex jintlaħqu l-miri tal-UE biex jitnaqqsu l-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra b'mill-inqas 55 % sal-2030 u biex tintlaħaq in-newtralità klimatika sal-2050.** Flimkien mal-kontribut għat-twettiq tal-ambizzjoni klimatika, il-miżuri appoġġati mill-RRF se jiżguraw ukoll progress lejn objettivi ambjentali oħra bħat-tnaqqis tat-tniġġis tal-arja,

[19] Dan jinkludi investimenti li għandhom traċċar ambjentali ta' 40 jew 100 % skont l-Anness VI tar-Regolament RRF, u li mhumiex diġà inklużi fil-kontribuzzjoni għall-klima.

[20] Dan l-ammont huwa inqas min-nefqa globali allokata għall-pilastru tat- "Tranżizzjoni ekoloġika" minħabba li dan tal-aħħar jinkludi l-ispejjeż kollha assoċjati mal-investiment, u mhux biss in-nefqa ttikkettata (pereżempju, investiment li għandu koeffiċjent klimatiku ta' 40 %, tipikament jiġi inkluż b' 100 % tal-ispejjeż tiegħu taħt il-pilastru tat-tranżizzjoni ekoloġika).

il-promozzjoni tal-ekonomija ċirkolari jew ir-restawr u l-protezzjoni tal-bijodiversità, il-promozzjoni tal-effiċjenza enerġetika u użu akbar ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli. Skont il-metodoloġija tar-rapportar tal-pilastru, huwa stmat li total ta' EUR 224.1 biljun ta' nefqa jiġi allokat għall-pilastru tat-tranżizzjoni ekoloġika (ekwivalenti għal 50 % tan-nefqa totali fil-pjanijiet tal-22).

**Mil-lenti tal-approċċ ta' sitt pilastri, l-ammont globali tan-nefqa taħt il-pilastru ekoloġiku jista' jinqasam fi 11-il qasam ta' politika, kif muri fil-Figura 5 hawn taħt.** B'mod ġenerali, il-miżuri inklużi fl-RRPs jindirizzaw firxa wiesgħa ta' oqsma, minn pereżempju l-mobbiltà sostenibbli, l-effiċjenza enerġetika, l-enerġija rinnovabbli u n-networks, sal-bijodiversità, l-ekonomija ċirkolari, il-ħiliet u l-impjiegi ekoloġiċi, u l-adattament għat-tibdil fil-klima.

*Grafika 5: Kontribuzzjoni tal-Faċilità għat-tranżizzjoni ekoloġika (pilastru 1)*




*Din il-grafika turi analiżi tal-kontribuzzjoni stmata għall-pilastru tal-politika skont lista ta' oqsma ta' politika stabbilita mill-Kummissjoni Ewropea. Il-perċentwal huwa relatat man-nefqa kumplessiva ttikkettata taħt kull qasam ta' politika bħala sehem mill-pilastru tat-tranżizzjoni ekoloġika.*

### *Mobbiltà sostenibbli*

**Il-mobbiltà sostenibbli tirrappreżenta 32 % tal-infiq totali taħt il-pilastru tat-tranżizzjoni ekoloġika (kost totali ta' EUR 71.3 biljun).** Isiru investimenti kbar biex l-infrastruttura ferrovjarja tiġi aġġornata u estiża, b'mod partikolari fin-network Trans-Ewropew (TEN-T), u għax-xiri ta' vetturi ferrovjarji moderni. Dawn jikkostitwixxu vettur kruċjali għal bidla modali lejn mezz ta' trasport li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent u jappoġġaw kemm it-trasport tal-passiġġieri kif ukoll dak tal-merkanzija. Hemm ukoll għadd aktar limitat ta' miżuri favur l-ekoloġizzazzjoni tas-setturi tat-trasport fuq l-ilma u tal-avjazzjoni, b'investimenti għall-ekoloġizzazzjoni tal-portijiet, pereżempju l-installazzjoni tal-provvista tal-enerġija fuq l-art, u tal-ajruporti, bl-elettrifikazzjoni tas-sistemi ta' groundhandling.

L-RRP tal-Italja jinkludi 3.400 km tat-tħaddim tas-Sistema Ewropea tal-Ġestjoni tat-Traffiku Ferrovjarju (ERTMS). L-implimentazzjoni tal-ERTMS se tippermetti operazzjonijiet transfruntiera tal-merkanzija u tal-passiġġieri mingħajr xkiel. L-investimenti tal-ERTMS jikkontribwixxu kemm għat-tranżizzjoni ekoloġika kif ukoll għal dik diġitali.

**Investimenti sinifikanti għandhom ukoll l-għan li jtejbu s-sostenibbiltà tat-trasport bit-triq, inkluż permezz ta' appoġġ għall-varar ta' infrastruttura u vetturi ta' fjuwils alternattivi u għall-iżvilupp ta' trasport pubbliku ekoloġiku.** Uħud minn dawn l-investimenti huma ċċentrati fuq l-għajnuna lill-konsumaturi biex jixtru vetturi b'emissjonijiet żero, permezz ta' inċentivi finanzjarji biex jgħinu fl-ispejjeż għoljin bil-quddiem tax-xiri ta' vetturi elettriċi.

Il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tal-Ġermanja se jgħin liċ-ċittadini jaqilbu għal vetturi elettriċi nodfa billi jagħti appoġġ finanzjarju biex jixtru 560,000 vettura dekarbonizzata. Il-miżura se tnaqqas il-prezzijiet tax-xiri tal-vetturi elettriċi u tistimula s-suq. Dan huwa kkomplementat minn miżuri oħra, bħall-finanzjament tal-installazzjoni ta' 50,000 punt tal-iċċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku u ta' 400,000 punt tal-iċċarġjar ulterjuri f'bini residenzjali.

**Ir-riformi fis-settur tat-trasport huma parti importanti mill-biċċa l-kbira tal-RRPs.** Huma jindirizzaw il-qafas regolatorju ġenerali u jinkludu strateġiji li jappoġġaw il-mobbiltà urbana sostenibbli u t-trasport kollettiv kif ukoll miżuri li jappoġġaw l-introduzzjoni tal-infrastruttura tal-iċċarġjar jew l-akkwist ta' vetturi nodfa. Il-pjanijiet jinkludu wkoll riformi li jintroduċu l-kompetizzjoni fis-servizzi portwarji u jirriformaw is-settur marittimu u l-passaġġi fuq l-ilma interni.

L-RRP tar-Rumanija jinkludi bidliet regolatorji ewlenin biex jinċentivaw it-trasport bit-triq b'emissjonijiet żero, inċentivi għal vetturi b'emissjonijiet żero u b'emissjonijiet baxxi, skemi ta' skrappjar biex jissostitwixxu l-vetturi li jniġġsu l-aktar, titjib fil-governanza u l-effiċjenza tal-intrapriżi tal-istat fis-setturi tat-trasport, regoli aktar stretti dwar is-sikurezza fit-toroq u miżuri ta' infurzar, inċentivi għal trasport urban sostenibbli. Dan jinkludi wkoll investimenti sinifikanti għal vetturi ferrovjarji b'emissjonijiet żero u aġġornati, għall-modernizzazzjoni u t-tiġdid tal-infrastruttura ferrovjarja, b'mod partikolari tul il-kurituri tat-TEN-T, għat-titjib tal-kwalità u l-effiċjenza tal-infrastruttura tat-toroq f'sezzjonijiet speċifiċi tan-network ewlieni tat-TEN-T, titjib fis-sikurezza tat-toroq, u sezzjonijiet tan-network tat-trasport taħt l-art fil-muniċipalitajiet ta' Bucharest u Cluj-Napoc.

*L-effiċjenza tal-enerġija*

**L-effiċjenza tal-enerġija tirrappreżenta 29 % tal-infiq totali taħt il-pilastru tat-tranżizzjoni ekoloġika (kost totali ta' EUR 64.4 biljun).** Il-maġġoranza tal-investimenti f'dan il-qasam jikkonċernaw l-effiċjenza enerġetika tal-bini residenzjali (kost totali ta' EUR 28.4 biljun), li tipikament jimmiraw lejn tnaqqis fid-domanda għall-enerġija primarja ta' 30 % jew aktar. Xi wħud minn dawn l-investimenti rilevanti jinkludu wkoll miżuri mmirati biex jindirizzaw il-faqar enerġetiku, billi jimmiraw lejn gruppi vulnerabbli li għalihom il-kostijiet

sinifikanti bil-quddiem jagħmluha kważi impossibbli li jinvestu fl-effiċjenza enerġetika ta' djarhom. Ir-rinnovazzjonijiet ta' bini pubbliku huma rappreżentati tajjeb fil-maġġoranza tal-pjanijiet (spiża totali ta' EUR 20.2 biljun), bħal fl-iskejjel, is-swali sportivi u l-bini storiku. Fl-aħħar nett, hemm ukoll investimenti għall-kostruzzjoni ta' bini pubbliku u privat ġdid effiċjenti ħafna fl-użu tal-enerġija. Lil hinn mill-bini, l-investimenti fl-effiċjenza enerġetika f'setturi oħra se jgħinu d-dekarbonizzazzjoni tal-proċessi tal-produzzjoni fl-SMEs, fl-intrapriżi akbar u fis-sistemi tat-tisħin distrettwali, pereżempju, billi jippromwovu l-integrazzjoni ta' teknoloġiji aktar nodfa u aktar effiċjenti fl-użu tal-enerġija għall-proċessi tal-manifattura u l-produzzjoni ċentralizzata tas-sħana bi spiża totali ta' EUR 6.5 biljun.

<table><tr><td>
Spanja se tappoġġa aktar minn nofs miljun azzjoni ta' rinnovazzjoni tal-enerġija f'bini residenzjali sal-2026. Dawn ir-rinnovazzjonijiet tal-enerġija se jiksbu medja ta' tnaqqis fid-domanda għall-enerġija primarja ta' mill-inqas 30 %. L-investimenti huma kkomplementati minn pakkett koerenti ta' riformi, inklużi inċentivi tat-taxxa u uffiċċji ta' rinnovazzjoni ("one-stop-shops") biex jiġu ffaċilitati r-rinnovazzjonijiet.
L-RRP tal-Belġju se jistimula rinnovazzjonijiet ta' bini effiċjenti fl-użu tal-enerġija b'appoġġ totali ta' aktar minn EUR 1 biljun. Il-mewġa ta' rinnovazzjoni se tikkonċerna aktar minn 200,000 unità ta' akkomodazzjoni privata u soċjali u se tkopri aktar minn miljun $m^2$ ta' binjiet pubbliċi. Il-Belġju qed jiffaċċja ħtiġijiet importanti ta' rinnovazzjonijiet biex jilħaq l-objettivi klimatiċi. Rinnovazzjonijiet effiċjenti fl-enerġija ta' akkomodazzjoni privata u soċjali se jgħinu wkoll biex jiġi indirizzat il-faqar enerġetiku.
</td></tr></table>

**L-RRPs jinkludu diversi riformi biex jinkoraġġixxu r-rinnovazzjoni tal-bini fis-setturi kollha:** bini privat u pubbliku, residenzjali u kumpaniji. Ir-riformi għandhom l-għan li jagħmlu l-appoġġ finanzjarju disponibbli għar-rinnovazzjoni aktar effiċjenti (eż. punt uniku ta' servizz) u aktar favur l-ambjent. B'mod partikolari, dawn jinkludu kundizzjonijiet għas-sostituzzjoni ta' sistemi tat-tisħin skaduti u jinkoraġġixxu s-sostituzzjoni tagħhom b'enerġija rinnovabbli jew tisħin distrettwali.

***L-enerġija rinnovabbli u n-networks***

**Kollox ma' kollox, in-nefqa totali stmata f'enerġija nadifa – enerġija u networks rinnovabbli – tirrappreżenta 12 % tal-infiq totali taħt il-pilastru tat-tranżizzjoni ekoloġika (kost totali ta' EUR 26.7 biljun)**[21]. Madwar żewġ terzi tal-investiment globali f'dan il-qasam se jintefaq fuq teknoloġiji rinnovabbli, bl-ammont li jifdal allokat għal investimenti f'networks u infrastruttura tal-enerġija (bħall-użu ta' ħżin tal-enerġija u grilji intelliġenti). Il-miżuri jiffukaw fuq il-kostruzzjoni ta' parks tal-enerġija mir-riħ lil hinn mill-kosta jew fuq l-art (u infrastruttura assoċjata bħal gżejjer tal-enerġija), pannelli fotovoltajċi, u l-kostruzzjoni ta' siti industrijali li jużaw l-enerġija rinnovabbli.

[21] Aktar dettalji dwar dan il-qasam ta' politika jistgħu jinstabu fl-iskeda "Enerġija Nadifa" ppubblikata fit-Tabella ta' Valutazzjoni.

Il-pjan tal-Litwanja se jappoġġa lin-negozji privati, lill-bdiewa u lill-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli għall-akkwist u l-installazzjoni ta' impjanti tal-enerġija mix-xemx u mir-riħ fuq l-art, flimkien ma' installazzjonijiet tal-ħżin. Huma previsti wkoll skemi rinnovabbli bbażati fuq il-bijomassa, kif ukoll faċilitajiet tal-bijofjuwil u tal-bijometan.

**15 RRPs jinkludu miżuri ddedikati, parzjalment jew esklussivament, għall-idroġenu, li huwa mistenni li jkollu rwol importanti biex tintlaħaq in-newtralità klimatika fit-tul.** F'dan l-isfond, l-RRPs tal-Istati Membri se jikkontribwixxu biex jiżdiedu l-investimenti fl-idroġenu rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju (inkluż l-użu tal-elettriku mill-grilja, li b'mod parallel jenħtieġ li jiġi dekarbonizzat) b'mill-inqas EUR 9.3 biljun. Ħafna investimenti fl-RRPs jindirizzaw il-katina tal-valur kollha tal-idroġenu — mill-produzzjoni sat-trasport, il-ħżin u fl-aħħar nett l-użu finali fis-setturi industrijali u tat-trasport li diffiċli jitnaqqsu.

**L-RRPs jinkludu wkoll riformi tal-qafas ta' politika li jappoġġa l-enerġija rinnovabbli,** bħall-adozzjoni ta' skemi ta' appoġġ ġodda jew l-estensjoni ta' skemi ta' appoġġ eżistenti jew is-simplifikazzjoni ta' proċeduri amministrattivi bħall-permessi jew l-ippjanar spazjali biex jiġi ffaċilitat l-użu. Ir-riformi inklużi fl-RRPs ġeneralment għandhom l-għan li joħolqu ambjent regolatorju stabbli u sinerġiji xierqa bejn l-investiment pubbliku u privat.

**L-RRPs jinkludu wkoll riformi ddedikati biex jissimplifikaw l-operat effiċjenti tas-swieq tal-elettriku u l-iżvilupp ta' impjanti tal-enerġija rinnovabbli ġodda biex jintlaħqu l-miri stabbiliti fil-pjanijiet nazzjonali għall-enerġija u l-klima (NECP).** Ir-riformi inklużi fl-RRPs se jaċċelleraw l-iżvilupp ta' impjanti tal-enerġija rinnovabbli ġodda biex jintlaħqu l-miri stabbiliti fl-NECP, b'mod partikolari permezz tal-faċilitazzjoni tal-għoti ta' permessi għal proġetti rinnovabbli u mekkaniżmi ta' appoġġ finanzjarju msaħħa. L-RRPs jinkludu wkoll riformi ddedikati biex jiġi ssimplifikat it-tħaddim effiċjenti tas-swieq tal-elettriku, b'mod partikolari biex jiġi ffaċilitat l-iżvilupp ta' sistema tal-enerġija aktar flessibbli. Dan huwa essenzjali biex jiġi appoġġat is-sehem għoli mistenni ta' enerġija rinnovabbli. Ir-riformi tal-leġiżlazzjoni dwar is-suq tal-elettriku huma inklużi f'diversi RRPs biex jippermettu, b'mod partikolari, l-introduzzjoni tan-networks, il-ħżin tal-enerġija u r-rispons tad-domanda biex tiżdied l-affidabbiltà tas-sistema. Ir-riformi se jtejbu wkoll il-kompetizzjoni fis-suq u jgħinu biex jinħoloq ambjent regolatorju stabbli. Fl-aħħar mill-aħħar, dawn ir-riformi se jipparteċipaw f'suq tal-enerġija aktar affidabbli u awtosuffiċjenti fl-Ewropa, li kapaċi jindirizza d-domanda dejjem tikber għall-enerġija.

Biex tappoġġa u tiffaċilita l-użu tal-idroġenu rinnovabbli, ir-Rumanija se temenda l-qafas leġiżlattiv u regolatorju eżistenti b'enfasi fuq is-setturi tat-trasport u tal-enerġija (tal-gass u tal-elettriku). Ir-riforma tipprevedi l-adozzjoni ta' Strateġija u Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali għall-Idroġenu, se tneħħi kwalunkwe ostaklu leġiżlattiv u amministrattiv għall-iżvilupp tat-teknoloġija tal-idroġenu rinnovabbli u tikkontribwixxi għall-kisba tal-miri nazzjonali u Ewropej futuri għall-produzzjoni, il-ħżin, it-trasport u l-użu tal-idroġenu rinnovabbli sal-2030.

*Il-bijodiversità, l-ekonomija ċirkolari, l-ilma sostenibbli u l-prevenzjoni u l-kontroll tat-tniġġis*

**L-RRPs jinkludu miżuri rilevanti għall-politiki ambjentali, prinċipalment f'erba' oqsma: il-bijodiversità u l-ekosistemi; l-ekonomija ċirkolari, il-prevenzjoni tal-iskart u r-riċiklaġġ; ir-riżorsi tal-ilma u tal-baħar; u l-prevenzjoni u l-kontroll tat-tniġġis.** Dawn l-erba' politiki jirrappreżentaw 13 % tal-infiq totali taħt il-pilastru tat-tranżizzjoni ekoloġika (nefqa totali ta' EUR 28.8 biljun).

**Dwar il-bijodiversità**, il-miżuri għandhom fil-mira l-konservazzjoni tal-bijodiversità terrestri u tal-baħar, ir-restawr tal-ekosistemi u tal-infrastruttura ekoloġika, il-konnettività ekoloġika bbażata fuq soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura, il-ġestjoni sostenibbli tal-foresti kif ukoll il-ġlieda kontra l-ispeċijiet aljeni invażivi.

Pereżempju l-Irlanda se tappoġġa r-restawr tat-torbieri, miżura li għandha l-potenzjal li tippromwovi u tinkoraġġixxi r-ritorn tal-flora u l-fawna f'dawn iż-żoni. Fil-pjan Irlandiż huwa stmat li fuq perjodu ta' żmien ta' 30 sena għandhom jiġu evitati 3.3 miljun tunnellata ta' emissjonijiet ta' CO2 bis-saħħa tal-implimentazzjoni tal-miżuri msaħħa ta' riabilitazzjoni.

**Dwar l-ekonomija ċirkolari u l-ġestjoni tal-iskart**, l-RRPs jinkludu investimenti relatati kemm ma' azzjonijiet fuq terminu qasir kif ukoll ma' attivitajiet ta' R &D. Eżempji jinkludu investimenti li għandhom l-għan li jżidu ċ-ċirkolarità ta' setturi speċifiċi, bħall-plastik, il-kostruzzjoni jew it-tessuti, filwaqt li l-attivitajiet tar-R &Dgħandhom l-għan li jiżviluppaw soluzzjonijiet aktar fit-tul dwar it-tnaqqis tal-iskart tal-plastik u l-promozzjoni tal-bijoekonomija. Ħafna investimenti u riformi għandhom l-għan li jtejbu l-ġestjoni tal-iskart permezz tal-modifika retroattiva tal-faċilitajiet tas-separazzjoni tal-iskart u tal-ġestjoni tal-iskart, filwaqt li jiddedikaw attenzjoni partikolari għat-trattament tal-bijoskart. Pereżempju, diversi Stati Membri impenjaw ruħhom li jtejbu l-qafas leġiżlattiv nazzjonali tagħhom biex jippromwovu ekonomija aktar ċirkolari billi jintaxxaw ir-rimi fil-miżbliet jew l-inċinerazzjoni tal-iskart u jippromwovu l-użu mill-ġdid ta' tagħmir elettriku jew kontenituri tal-plastik tal-ikel.

Il-Belġju se jappoġġa l-minimizzazzjoni tal-iskart radjuattiv iġġenerat matul id-dekummissjonar tal-impjanti tal-enerġija nukleari Belġjani permezz tad-dimostrazzjoni ta' tekniki ta' dekontaminazzjoni.

L-Italja għandha l-għan li tadotta Programm Nazzjonali għall-Ekonomija Ċirkolari, u wieħed għall-Ġestjoni tal-Iskart. Sabiex tappoġġa u tinċentiva l-prattiki ta' riċiklaġġ, l-Italja se tintroduċi sistema diġitali ġdida ta' traċċabbiltà tal-iskart u se tinkludi reviżjoni tat-tassazzjoni ambjentali biex ir-riċiklaġġ ikun irħas meta mqabbel mar-rimi fil-miżbliet. Il-pjan jintroduċi wkoll appoġġ tekniku lill-awtoritajiet lokali biex jgħinhom fl-akkwist fil-qasam tal-ġestjoni tal-iskart, bħall-iżvilupp ta' pjanijiet dwar l-iskart jew it-trasparenza tal-proċeduri tal-akkwist pubbliku.

**Dwar l-użu sostenibbli u l-protezzjoni tal-ilma,** parti sinifikanti tal-miżuri tiffoka fuq il-ġestjoni tal-ilma, anke billi tinkludi apparat ta' kejl għall-astrazzjoni tal-ilma, u b'hekk tikkombina kemm l-objettivi klimatiċi kif ukoll dawk diġitali. Tipi oħra ta' ġestjoni tal-ilma jinkludu miżuri li jimmiraw il-provvista ta' ilma tax-xorb sikur, nadif u abbundanti kif ukoll it-trattament tal-ġbir tal-ilma mormi. Xi miżuri kienu relatati wkoll mat-titjib fl-effiċjenza tal-irrigazzjoni. Il-miżuri għall-prevenzjoni u l-kontroll tat-tniġġis huma relatati mal-implimentazzjoni ta' żoni b'emissjonijiet baxxi jew mat-tnaqqis tat-tniġġis fil-portijiet.

*L-adattament għat-tibdil fil-klima*

**Il-miżuri ta' adattament għat-tibdil fil-klima f'attivitajiet ekoloġiċi jammontaw għal madwar 6 % tan-nefqa totali taħt il-pilastru tat-tranżizzjoni ekoloġika (nefqa totali stmata ta' EUR 12.5 biljun).** Il-miżuri fil-pjanijiet huma relatati l-aktar mal-mitigazzjoni tar-riskji tal-għargħar, il-ġestjoni tal-foresti u l-prevenzjoni tan-nirien.

Ċipru, li huwa pajjiż partikolarment vulnerabbli għall-impatti tat-tibdil fil-klima, jipprevedi miżuri protettivi u preventivi kontra l-għargħar u n-nirien fil-foresti. Dan jinkludi pjan ta' azzjoni dwar il-ġestjoni tar-riżorsi tal-ilma b'miżuri ta' adattament. Il-miżuri kontra l-għargħar u l-ġbir tal-ilma se joħolqu jew itejbu l-infrastruttura eżistenti kontra l-għargħar. B'mod ġenerali, se jkollha l-għan li ttejjeb l-użu tal-ilma u li ttejjeb is-sikurezza u t-tħaddim sostenibbli tal-infrastrutturi tal-ilma. Hemm ukoll miżuri relatati maż-żieda fir-rispons tal-pajjiż għan-nirien fil-foresti, ibbażati fuq il-forniment ta' vetturi u tagħmir għat-tifi tan-nar, bl-ambizzjoni li jitnaqqas ir-riskju u l-espansjoni tan-nirien fil-foresti, u t-tisħiħ tal-protezzjoni kontra r-riskji li jiffaċċjaw iċ-ċittadini, l-infrastruttura u l-foresti minn dawn l-inċidenti.

Il-Greċja tinkludi miżura speċifika biex tipproteġi siti ta' wirt kulturali u monumenti magħżula, permezz tal-implimentazzjoni ta' proġetti mmirati u l-kostruzzjoni ta' infrastrutturi mfassla apposta għall-prevenzjoni ta' riskji klimatiċi speċifiċi u perikli assoċjati relatati mat-tibdil fil-klima.

*Investiment ieħor relatat mal-klima (R &I, ħiliet ekoloġiċi u impjiegi ekoloġiċi u dekarbonizzazzjoni tal-industrija)*

**Ħafna RRPs jinkludu miżuri dwar ir-R&Ż&I f'attivitajiet ekoloġiċi li jammontaw għal 6 % tal-infiq totali taħt il-pilastru tat-tranżizzjoni ekoloġika (nefqa totali stmata ta' EUR 13.4 biljun)** relatati pereżempju mal-produzzjoni tal-enerġija tal-idroġenu ekoloġiku, il-qbid u l-ħżin tal-karbonju, l-ekonomija ċirkolari, u l-qasam ajruspazjali b'enfasi fuq emissjonijiet baxxi u żero.

**L-RRPs jinkludu wkoll riformi relatati mal-ħiliet ekoloġiċi u l-impjiegi ekoloġiċi (EUR 1.5 biljun).** Dawn ikopru investimenti li jikkontribwixxu għal inizjattivi ta' taħriġ mill-ġdid u titjib tal-ħiliet, kif ukoll riformi dwar l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' politika tal-impjiegi attivi mmirati ġodda għall-ħtiġijiet tat-tranżizzjoni ekoloġika. Dawn jinkludu l-appoġġ għall-impjiegi, il-politiki edukattivi u aktar politiki attivi tas-suq tax-xogħol.

Il-Kroazja għandha l-għan li tadotta oqfsa ġodda biex tagħti spinta lill-impjiegi marbuta mat-tranżizzjoni ekoloġika, permezz ta' appoġġ b'għotjiet għal traineeships ekoloġiċi, kif ukoll sussidji għall-impjiegi u l-impjieg indipendenti għal impjiegi ekoloġiċi, u se tistabbilixxi vawċers tal-ħiliet għal persuni qiegħda fit-tul u inqas impjegabbli minn gruppi vulnerabbli, biex fost l-oħrajn jiġu pprovduti ħiliet ekoloġiċi.

Spanja għandha l-għan li tadotta Pjan ta' Azzjoni kontra l-qgħad fost iż-żgħażagħ, li se jintroduċi tliet programmi innovattivi mmirati lejn iż-żgħażagħ li qed ifittxu impjieg, inkluż taħriġ ibbażat fuq ix-xogħol f'workshops tal-iskejjel pubbliċi, l-ewwel esperjenza professjonali fl-amministrazzjonijiet pubbliċi u opportunitajiet professjonali għar-riċerkaturi żgħażagħ.

**L-RRPs jinkludu wkoll investimenti oħra li għandhom l-għan li jtaffu t-tibdil fil-klima (EUR 5.4 biljun)**, iżda mhux inklużi fil-kategoriji elenkati hawn fuq, bħall-introduzzjoni ta' taxxi fuq l-emissjonijiet fuq l-industrija, id-dħul fis-seħħ ta' pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali wiesgħa dwar il-klima, it-tfassil ta' oqfsa regolatorji għas-swieq tal-idroġenu u tas-CO2, u l-promozzjoni tal-biedja organika.

*Il-prinċipju la tagħmilx ħsara sinifikanti (DNSH)*

**Il-prinċipju DNSH huwa karatteristika ewlenija tat-tfassil tar-Regolament dwar l-RRF li tiżgura li l-RRF tirriżulta fi pjanijiet ambizzjużi li jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni ekoloġika u rkupru sostenibbli, filwaqt li jiġi evitat l-intrappolament ta' assi u attivitajiet mhux sostenibbli.** Ir-Regolament dwar l-RRF jipprevedi li jenħtieġ li l-ebda miżura inkluża f'RRP ma twassal għal ħsara sinifikanti lil xi wieħed mis-sitt objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament dwar it-Tassonomija. Dawn is-sitt objettivi ambjentali huma: il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, l-adattament għat-tibdil fil-klima, l-użu sostenibbli u l-protezzjoni tar-riżorsi tal-ilma u tal-baħar, it-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari, il-prevenzjoni u l-kontroll tat-tniġġis, il-protezzjoni u r-restawr tal-bijodiversità u l-ekosistemi.

**Għal kull miżura, l-Istat Membru wettaq u ppreżenta fil-pjan awtovalutazzjoni dettaljata tad-DNSH ibbażata fuq Gwida Teknika tad-DNSH[22] ippubblikata mill-Kummissjoni** biex jiġi żgurat li l-miżuri skont il-pjan ma jagħmlu l-ebda ħsara sinifikanti lil xi wieħed mis-sitt objettivi ambjentali. L-awtovalutazzjoni serviet bħala bażi għall-valutazzjoni tad-DNSH tal-pjanijiet mill-Kummissjoni. Għal diversi miżuri, il-Kummissjoni wettqet diskussjonijiet estensivi mal-Istati Membri biex tiddetermina u tivvaluta l-konformità mal-prinċipju tad-DNSH qabel l-approvazzjoni tal-pjanijiet, u biex tidentifika l-kundizzjonijiet speċifiċi meħtieġa biex jiġi żgurat ir-rispett tal-prinċipju DNSH.

**Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tapprova l-RRPs nazzjonali tinkludi stadji importanti u miri dettaljati biex tiġi vverifikata l-implimentazzjoni tal-pjan.** L-iżborżi taħt il-Faċilità se jkunu marbuta mat-twettiq sodisfaċenti ta' dawn il-passi ta'

[22] C(2021) 1054 final.

implimentazzjoni. Id-deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill jinkludu dispożizzjonijiet speċifiċi tad-DNSH fl-istadji importanti u l-miri li jikkorrispondu għal diversi miżuri (eż., miżuri fl-oqsma tar-rinnovazzjoni tal-enerġija; il-ġenerazzjoni tal-enerġija; il-ġestjoni tal-ilma; it-trasport; appoġġ għad-dekarbonizzazzjoni; skemi orizzontali u strumenti finanzjarji). Dawn id-dispożizzjonijiet jiżguraw li l-Istati Membri jkunu meħtieġa jipprovdu l-evidenza biex jissodisfaw il-konformità mal-kundizzjonijiet tad-DNSH għal stadju importanti jew mira partikolari.

### 3.3. Kontribuzzjoni tal-Faċilità għat-trasformazzjoni diġitali (pilastru 2)

*Mira diġitali*

**Ir-Regolament dwar l-RRF jirrikjedi li mill-inqas 20 % tal-allokazzjoni totali f'kull RRP għandha tappoġġa l-objettivi diġitali.** Ir-riformi u l-investimenti proposti mill-Istati Membri qabżu l-mira ta' 20 %; in-nefqa diġitali totali fil-pjanijiet adottati tammonta għal EUR 117 biljun, madwar 26 % tal-allokazzjoni totali tal-pjan kif ikkalkulata skont il-metodoloġija tat-tikkettar diġitali[23].

*Grafika 6: Kontribuzzjoni għall-objettivi diġitali bħala sehem tal-RRP*




*Trasformazzjoni diġitali*

**L-RRPs jinkludu firxa ta' miżuri li jappoġġaw il-pilastru tat-Trasformazzjoni Diġitali,** bħal kapaċità għolja ħafna u l-iskjerament tan-network 5G, l-iżvilupp tal-ħiliet diġitali għall-

[23] L-RRPs kellhom jispeċifikaw u jiġġustifikaw sa liema punt kull miżura tikkontribwixxi bis-sħiħ (100 %), parzjalment (40 %) jew ma għandha l-ebda impatt (0 %) għall-objettivi diġitali, bl-użu tal-Anness VII tar-Regolament dwar l-RRF. Il-kombinazzjoni tal-koeffiċjenti mal-istimi tal-kostijiet ta' kull miżura tippermetti l-kalkolu sa liema punt il-pjanijiet jikkontribwixxu għall-mira diġitali.

popolazzjoni u l-forza tax-xogħol, l-integrazzjoni tat-teknoloġiji diġitali fil-proċessi tal-gvern, l-appoġġ għad-diġitalizzazzjoni tal-SMEs kif ukoll ir-R &Du l-użu ta' teknoloġiji avvanzati. Skont il-metodoloġija tar-rapportar tal-pilastru, total ta' kważi EUR 130 biljun ta' nefqa huwa allokat għall-pilastru tat-trasformazzjoni diġitali (29 % tan-nefqa totali fi 22 pjanijiet). Aktar minn terz tan-nefqa diġitali hija allokata għad-diġitalizzazzjoni tas-servizzi pubbliċi, inkluża d-diġitalizzazzjoni tat-trasport (36 %, EUR 47 biljun), segwita minn miżuri li jappoġġaw id-diġitalizzazzjoni tan-negozji (20 %, EUR 26 biljun) u l-kapital uman (20 %, EUR 26 biljun), ara l-Figura 7 hawn taħt.

*Grafika 7: Tqassim tan-nefqa għall-appoġġ tat-trasformazzjoni diġitali (pilastru 2)*




*Din il-grafika turi analiżi tal-kontribuzzjoni stmata għall-pilastru tal-politika skont lista ta' oqsma ta' politika stabbilita mill-Kummissjoni Ewropea. Il-perċentwal huwa relatat man-nefqa kumplessiva ttikkettata taħt kull qasam ta' politika bħala sehem mill-pilastru tat-trasformazzjoni diġirali.*

### *Gvern elettroniku u servizzi pubbliċi diġitali*

**Il-miżuri li jappoġġaw id-diġitalizzazzjoni tas-servizzi pubbliċi u tal-gvern elettroniku jirrappreżentaw aktar minn terz tan-nefqa diġitali ffinanzjata mill-Faċilità għall-22 RRPs adottati** (EUR 47 biljun, li jammontaw għal 36 % tal-pilastru tat-trasformazzjoni diġitali). Dawn il-miżuri jfittxu li jimmodernizzaw u jtejbu l-proċessi tal-amministrazzjoni pubblika, sabiex jagħmluhom aktar faċli għall-utent, orjentati lejn iċ-ċittadin u interoperabbli u biex jagħtu spinta lill-aċċess għas-servizzi pubbliċi diġitali u l-adozzjoni tagħhom minn individwi u negozji. Ħafna RRPs jinkludu riformi mmirati lejn l-introduzzjoni jew it-titjib ta' soluzzjonijiet tal-gvern elettroniku, bħall-użu tal-eID, biex tiġi żgurata l-interoperabbiltà tal-pjattaformi pubbliċi diġitali, kif ukoll biex jittejbu l-ġbir u l-ġestjoni tad-data.

Il-pjan tal-Kroazja jinkludi investiment li jippermetti liċ-ċittadini jużaw faċilment is-servizzi pubbliċi online fuq l-ismartphones tagħhom billi joħolqu pjattaforma diġitali mobbli tas-servizzi elettroniċi. Hija tippromwovi l-użu ta' firem elettroniċi fl-interazzjoni taċ-ċittadini mal-amministrazzjoni pubblika u tinkludi investiment għall-iskjerament tal-karta tal-identità diġitali tal-Kroazja biex l-utenti tal-e-IDs ikunu jistgħu jiffirmaw dokumenti fuq pjattaformi mobbli. L-RRP tal-Kroazja jinkludi wkoll miżura ddedikata

għall-istabbiliment ta' "punt uniku ta' servizz" li jarmonizza u jiċċentralizza s-sistema tal-helpdesk tas-servizzi online kollha tal-amministrazzjonijiet pubbliċi, biex jippermetti komunikazzjoni aħjar mal-amministrazzjonijiet pubbliċi, aċċess aktar rapidu għall-informazzjoni u possibbiltajiet biex jintbagħat feedback u tiġi vvalutata l-kwalità tal-interazzjoni mal-impjegati taċ-ċivil.

**Għadd ta' RRPs jinkludu investimenti mmirati lejn l-integrazzjoni ta' teknoloġiji avvanzati (bħall-cloud tal-gvern) fil-proċessi tal-gvern, kif ukoll it-tisħiħ tal-kapaċità taċ-ċibersigurtà tas-settur pubbliku.** Il-clouds governattivi huma mistennija li jissimplifikaw l-interazzjoni taċ-ċittadini mal-awtoritajiet pubbliċi billi jnaqqsu l-ħin tal-ipproċessar tal-informazzjoni, inaqqsu l-ispejjeż tas-servizzi tal-gvern u jtejbu s-sigurtà ta' *data* sensittiva. Qed tingħata wkoll kunsiderazzjoni xierqa f'għadd ta' pjanijiet biex tissaħħaħ il-kapaċità tal-istat għaċ-ċibersigurtà, peress li ċ-ċiberkriminalità wriet il-potenzjal tagħhom li jimblukkaw servizzi pubbliċi kritiċi.

Il-pjan tal-Greċja jinkludi komponent iddedikat għat-trasformazzjoni diġitali tal-entitajiet pubbliċi, li jinkludi strateġiji wiesgħa ta' ċibersigurtà u governanza tad-*data* kif ukoll użu estiż ta' teknoloġiji avvanzati, bħall-cloud computing u l-big *data*.

L-RRP ta' Malta jinkludi investiment biex ikompli jiġi diġitalizzat id-Direttorat tal-Bastimenti Merkantili ta' Malta billi jiġu żviluppati għadd ta' għodod u sistemi tal-IT (bħas-sistema ta' ġestjoni tad-dokumenti, inkluża d-diġitalizzazzjoni ta' 15 000 fajl fiżiku tat-trasport marittimu, is-sistema ta' ġestjoni tal-bastimenti, interfaċċa marittima diġitali, is-sistema ta' ġestjoni tal-baħħara u l-għodda analitika marittima). L-investiment fis-servizzi diġitali u infrastruttura bbażata fuq il-cloud se jgħinu biex jiġu żgurati prattiki regolatorji aktar effiċjenti u jtejbu l-operazzjonijiet interni, ir-relazzjonijiet mal-klijenti u l-amministrazzjoni fi ħdan id-direttorat, f'settur ta' importanza kbira għall-ekonomija ta' Malta.

**Ħafna RRPs fihom miżuri mmirati lejn id-diġitalizzazzjoni tas-sistemi tal-kura tas-saħħa nazzjonali,** inkluż l-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tas-servizzi tat-telemediċina, il-konsolidazzjoni ta' reġistri tas-saħħa nazzjonali frammentati u l-iżgurar tal-interoperabbiltà u s-sigurtà tal-pjattaformi diġitali tas-saħħa.

Il-pjan tas-Slovenja jinkludi miżuri biex tintegra servizzi diġitali ġodda fil-kura tas-saħħa, tippromwovi l-użu tat-teknoloġija tal-informazzjoni biex tikkomunika mal-pazjenti u mal-partijiet ikkonċernati, tintroduċi monitoraġġ tal-kwalità bbażat fuq data f'ħin reali, ittejjeb il-kapaċità u l-ippjanar tal-ġestjoni tal-pazjenti, u ttejjeb l-ippjanar tal-faċilitajiet tal-isptarijiet, tas-servizzi mediċi u tar-rekwiżiti materjali.

**Id-diġitalizzazzjoni tas-servizzi pubbliċi tikkonċerna diversi oqsma ta' politika u tipprovdi sinerġiji mal-ħames pilastri l-oħra appoġġati mill-Faċilità.** Pereżempju, b'appoġġ għall-pilastru ekoloġiku, xi investimenti jirriflettu r-rwol ewlieni tad-diġitalizzazzjoni biex is-sistemi tat-trasport tal-UE jsiru aktar sostenibbli u reżiljenti, pereżempju permezz ta' teknoloġiji ta' sistemi tat-trasport intelliġenti (ITS), għodod għall-

ġestjoni tal-mobbiltà urbana, ħruġ ta' biljetti multimodali u sistemi ta' informazzjoni multimodali għall-passiġġieri u estensjoni tal-kopertura tas-Sistema Ewropea tal-Ġestjoni tat-Trasport Ferrovjarju.

| |
|---|
| L-RRP tal-Finlandja jappoġġa l-proġett Digirail biex tiġi introdotta s-Sistema Ewropea tal-Ġestjoni tat-Traffiku Ferrovjarju fuq in-network ferrovjarju nazzjonali kollu sal-2040, flimkien mas-Sistema ta' Komunikazzjoni Ferrovjarja Mobbli Futura bbażata fuq il-4G u l-5G. |

*Il-kapital uman fid-diġitalizzazzjoni*

**L-RRPs jinkludu firxa wiesgħa ta' miżuri li jappoġġaw l-iżvilupp tal-ħiliet diġitali, għal kost totali stmat ta' EUR 26 biljun, li jirrappreżentaw 20 % tal-pilastru tat-trasformazzjoni diġitali.** Il-biċċa l-kbira tal-pjanijiet jinkludu miżuri biex jiżdiedu l-livelli tal-ħiliet diġitali fil-popolazzjoni ġenerali u fil-forza tax-xogħol. Xi pjanijiet jinkludu wkoll miżuri biex jitrawmu ħiliet diġitali avvanzati u biex jitħarrġu professjonisti tal-ICT, bl-iżvilupp ta' moduli ta' taħriġ f'teknoloġiji diġitali avvanzati għall-edukazzjoni għolja u t-taħriġ vokazzjonali. Il-pandemija tal-COVID-19 enfasizzat il-ħtieġa għad-diġitalizzazzjoni tal-edukazzjoni, u għadd ta' RRPs jinkludu miżuri rilevanti.

| |
|---|
| L-RRP tal-Portugall jinkludi investiment, "Akkademja Diġitali" li se joffri taħriġ imfassal apposta għall-forza tax-xogħol Portugiża biex jiżdied l-għadd ta' ħaddiema b'ħiliet diġitali. Total ta' 800 000 parteċipant se jgħaddu minn dijanjożi personalizzata tal-ħtiġijiet tal-ħiliet diġitali u jsegwu taħriġ immirat fil-ħiliet diġitali.<br><br>L-RRP tal-Latvja jinkludi miżura mmirata biex iżżid b'mod sinifikanti l-għadd ta' speċjalisti b'ħiliet diġitali avvanzati. Il-miżura tikkonsisti fl-iżvilupp ta' madwar 20 modulu ta' taħriġ fil-ħiliet diġitali avvanzati għal teknoloġiji avvanzati bħal quantum, computing ta' prestazzjoni għolja, u teknoloġiji tal-lingwa. Il-moduli ta' taħriġ se jiġu inklużi fi programmi ta' edukazzjoni għolja (baċellerat, master, u dottorat) kif ukoll fi programmi edukattivi għal professjonisti fl-intrapriżi. L-investiment se jappoġġa 3000 parteċipant fil-moduli żviluppati.<br><br>L-RRP tal-Irlanda jinkludi miżura li tappoġġa t-trasformazzjoni diġitali tal-edukazzjoni u t-taħriġ Irlandiżi fil-livelli kollha (skejjel, terzjarji, tagħlim tul il-ħajja), l-integrazzjoni ta' ħiliet diġitali essenzjali fl-ambjenti kollha, u l-indirizzar tar-riskju ta' distakk diġitali. |

*Diġitalizzazzjoni tan-negozji*

**L-RRPs kollha adottati jinkludu miżuri li jappoġġaw id-diġitalizzazzjoni tan-negozji, għal total ta' EUR 26 biljun, li jirrappreżentaw 20 % tal-pilastru tat-trasformazzjoni diġitali.** Il-miżuri f'dan il-qasam jinkludu riformi ewlenin, bl-aktar importanti jkunu dawk li għandhom l-għan li jissimplifikaw il-proċeduri amministrattivi għan-negozji u li joħolqu l-pedament ta' ambjent tan-negozju diġitali, b'azzjonijiet fil-qasam tal-ħolqien u r-reġistrazzjoni tan-negozju diġitali, il-fiduċja u ċ-ċibersigurtà. Dawn il-miżuri huma mistennija

li jżidu l-livell ta' fiduċja fl-adozzjoni tat-teknoloġiji diġitali, b'effett pożittiv kemm fuq l-użu tagħhom kif ukoll fuq l-intensità tal-użu tagħhom. Ir-riformi relatati mad-diġitalizzazzjoni tal-fatturazzjoni huma mistennija wkoll li jkollhom impatt pożittiv fuq id-diġitalizzazzjoni tan-negozji.

Il-Ġermanja se timplimenta l-Att dwar l-Aċċess Online u l-modernizzazzjoni tar-reġistri, li huma mistennija jnaqqsu l-piż amministrattiv għall-kumpaniji u b'mod partikolari għall-SMEs. Dawn ir-riformi jwittu t-triq għall-introduzzjoni u l-applikazzjoni effettiva tal-"prinċipju ta' darba biss" permezz ta' mezzi diġitali.

Spanja se tadotta ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorji biex tirregola l-użu tal-Intelliġenza Artifiċjali inklużi l-azzjonijiet leġiżlattivi dwar l-użu tad-data, il-privatezza u kwistjonijiet etiċi.

**Għadd ta' pjanijiet jinkludu investimenti li jappoġġaw l-integrazzjoni ta' teknoloġiji diġitali avvanzati fil-proċessi ta' produzzjoni tad-ditti (eż., l-awtomatizzazzjoni, l-intelliġenza artifiċjali).** Dan it-tip ta' appoġġ jista' jieħu diversi forom bħal appoġġ ġenerali bħal servizzi ta' kkowċjar u konsulenza (inkluż permezz ta' Ċentri Ewropej ta' Innovazzjoni Diġitali), self, għotjiet jew krediti tat-taxxa għax-xiri ta' assi tanġibbli (makkinarju/tagħmir tekniku) u intanġibbli (software/taħriġ) jew miżuri strutturali (inklużi sandboxes regolatorji[24]). Barra minn hekk, diversi pjanijiet jinkludu investimenti speċifiċi għad-dominju (pereżempju għal proċessi ġodda f'attivitajiet kummerċjali) kif ukoll investimenti speċifiċi għall-industrija (pereżempju għat-turiżmu jew għas-settur tal-manifattur/fornitur tal-vetturi).

Il-pjan tal-Awstrija jinkludi pakkett robust ta' miżuri li għandhom l-għan li jappoġġaw u jiffaċilitaw id-diġitalizzazzjoni tal-kumpaniji. B'mod partikolari, il-pjan fih investimenti mmirati biex jgħinu lill-SMEs jadottaw teknoloġiji diġitali, li wera li huwa ostaklu għat-tkabbir tal-produttività.

Il-pjan tad-Danimarka fih miżuri li jrawmu d-diġitalizzazzjoni tal-SMEs billi jtawlu l-"SME: Skema diġitali, li tipprovdi sussidji għall-SMEs biex jiddiġitalizzaw in-negozju tagħhom u jespandu l-użu ta' teknoloġija ġdida u avvanzata kif ukoll soluzzjonijiet ta' kummerċ elettroniku.

L-Italja organizzat mill-ġdid u rriformat għadd ta' miżuri eżistenti fl-hekk imsejħa skema ta' "Tranżizzjoni 4.0", li tipprovdi kreditu ta' taxxa għal ditti li jinvestu fl-Industrija 4.0 oġġetti tanġibbli (diġitali u awtomatizzati) u intanġibbli (software), u b'hekk għandha l-għan li trawwem il-modernizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni tas-settur tal-produzzjoni.

B'mod ġenerali, kemm id-ditti l-kbar kif ukoll dawk żgħar jibbenefikaw mill-investimenti li jappoġġaw id-diġitalizzazzjoni tan-negozji. Madankollu, barra minn hekk, il-biċċa l-kbira tal-

[24] Sandbox regolatorja hija qafas stabbilit minn regolatur tas-settur finanzjarju biex jippermetti l-ittestjar dirett u fuq skala żgħira tal-innovazzjonijiet minn ditti privati f'ambjent ikkontrollat taħt is-superviżjoni tar-regolatur.

pjanijiet jinkludu miżuri mmirati speċifikament lejn l-SMEs, peress li ditti iżgħar jiffaċċjaw sfidi akbar fl-adozzjoni ta' teknoloġiji diġitali.

*Konnettività*

**Il-maġġoranza l-kbira tal-RRPs jinkludu investimenti fil-konnettività, li jammontaw għal kost stmat ta' EUR 13-il biljun u jirrappreżentaw 10 % tal-pilastru tat-trasformazzjoni diġitali.** Dan ikopri firxa wiesgħa ta' azzjonijiet li l-objettivi tagħhom jikkontribwixxu għall-introduzzjoni ta' networks fissi u bla fili b'kapaċità għolja ħafna, f'konformità mal-objettivi tal-UE għad-Deċennju Diġitali biex jiġi żgurat li sal-2025 l-unitajiet domestiċi Ewropej kollha jkollhom aċċess għal kopertura tal-internet b'veloċità għolja u li sal-2030 ikollhom aċċess għall-konnettività gigabit. Ħafna RRPs jinkludu investimenti li jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-5G jew ta' networks fissi b'kapaċità ultraveloċi jew għolja ħafna biex jitnaqqas id-distakk diġitali.

| |
|---|
| Bil-"Broadband Austria 2030", l-RRP tal-Awstrija jinkludi investimenti fin-networks tal-Gigabits li jilħqu nofs l-unitajiet domestiċi Awstrijaċi b'konnessjonijiet li kapaċi jfornu l-veloċità tat-tniżżil u tal-upload ta' mill-inqas 100Mbit/s u l-użu ta' konnettività Gigabit simetrika ġdida, li se tkun ta' benefiċċju b'mod partikolari għar-reġjuni rurali.<br><br>L-RRP tal-Kroazja se tiffinanzja l-iżvilupp tal-infrastruttura tal-broadband f'żoni fejn m'hemmx biżżejjed interess kummerċjali, li se jikkontribwixxi għat-tnaqqis tad-distakk diġitali fil-Kroazja — b'mira li jintlaħqu 700 000 abitant f'dawk iż-żoni. |

**Xi RRPs jinkludu wkoll investimenti għall-installazzjoni ta' infrastrutturi tal-fibra ottika fil-bini, u investimenti li jista' jkollhom ukoll dimensjoni transfruntiera, bħal dawk fil-kurituri 5G u l-kejbils tal-fibra sottomarini.** Barra minn hekk, diversi RRPs jinkludu wkoll riformi ta' akkumpanjament f'konformità mal-aħjar prattiki għall-introduzzjoni f'waqtha tal-5G u tal-broadband veloċi, kif previst fis-"Sett ta' Għodod għall-Konnettività"[25]. Riformi bħal dawn huma mistennija li jiffaċilitaw l-investimenti f'networks b'kapaċità għolja ħafna minn operaturi privati, b'mod partikolari billi jneħħu ostakli amministrattivi mhux meħtieġa għall-investimenti fin-networks, billi jħaffu l-proċeduri ta' liċenzjar tal-permessi għal investimenti fit-tifrix ta' networks VHCN bla fili u fissi, u billi jnaqqsu l-ispiża tal-implimentazzjoni u jiffaċilitaw il-proċessi ta' introduzzjoni tan-network.

| |
|---|
| L-RRP ta' Ċipru se jiffinanzja l-installazzjoni ta' kejbils sottomarini ġodda biex jikkonnettjaw lil Ċipru mas-sistema Griega, li permezz tagħha Ċipru se jkollu aċċess għal xi wħud mill-iskambji tal-internet l-aktar importanti tar-reġjun u se jtejjeb il-konnettività fuq il-gżira. |

[25] Ara r- Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tal-18 ta' Settembru 2020 dwar sett ta' għodod komuni tal-Unjoni għat-tnaqqis tal-kost tal-introduzzjoni ta' networks b'kapaċità għolja ħafna u l-iżgurar ta' aċċess f'waqtu u li jiffavorixxi l-investiment għall-ispettru tar-radju 5G, biex titrawwem il-konnettività b'appoġġ għall-irkupru ekonomiku mill-kriżi tal-COVID-19 fl-Unjoni (C (2020) 6270 final).

L-RRP tal-Italja se jiffinanzja ħames miżuri li huma mistennija jikkontribwixxu għan-network tat-telekomunikazzjoni nazzjonali ultraveloċi u 5G fit-territorju nazzjonali kollu: Italia 1 Giga, Italia 5G, Skejjel Konnessi, faċilitajiet ta' Kura tas-Saħħa Konnessa u Gżejjer iżgħar konnessi.

Fir-rigward tar-riformi ta' akkumpanjament, il-pjanijiet tal-Awstrija u tal-Greċja huma konformi mas-sett ta' għodod tal-Konnettività u jinkludu pereżempju riformi biex jiġu ssimplifikati l-proċeduri għall-implimentazzjoni tal-broadband, b'mod partikolari billi jitneħħew l-ostakli amministrattivi mhux meħtieġa, billi jitħaffu l-proċeduri ta' liċenzjar u billi jitnaqqsu l-ispejjeż tal-implimentazzjoni.

***R&Ż diġitali, l-investiment fil-kapaċitajiet diġitali u fl-użu ta' teknoloġiji avvanzati***

**Il-biċċa l-kbira tal-RRPs jinkludu miżuri li jappoġġaw ir-riċerka u l-iżvilupp f'teknoloġiji diġitali u/jew investimenti f'kapaċitajiet diġitali u l-użu ta' teknoloġiji avvanzati, għal total ta' madwar EUR 18 biljun,** li jirrappreżentaw madwar 14 % tal-kontribuzzjoni totali għall-pilastru tat-tranżizzjoni diġitali. Dawn il-miżuri jikkonsistu prinċipalment f'investimenti fl-attivitajiet tar-R &If' oqsma bħall-mikroelettronika, il-cloud, iċ-ċibersigurtà, u l-intelliġenza artifiċjali, kif ukoll l-infrastrutturi, inkluż b'mod partikolari s-superkompjuters u n-networks tal-komunikazzjoni kwantistika. Dawn l-investimenti xi drabi se jitwettqu fil-kuntest ta' proġetti multinazzjonali (ara t-taqsima hawn taħt). Xi RRPs jinkludu wkoll riformi biex jikkomplementaw dawn l-investimenti, bil-għan li jaġġustaw l-għodod ta' politika tar-R &Ibiex jappoġġaw aħjar l-iżvilupp ta' dawn l-oqsma teknoloġiċi, jew il-qafas legali u amministrattiv (b'mod partikolari għal dak li jikkonċerna l-governanza u l-ġestjoni tad-data) li jippermettu l-adozzjoni tat-teknoloġiji korrispondenti.

Il-pjan tal-Ġermanja jinkludi inizjattiva Ewropea transfruntiera fuq skala kbira biex isir investiment fil-ġenerazzjoni li jmiss ta' servizzi u infrastruttura tal-cloud, biex jitrawwem l-użu industrijali ta' soluzzjonijiet intelliġenti ta' cloud u edge li huma innovattivi ħafna, siguri ħafna, effiċjenti fl-użu tal-enerġija u konformi bis-sħiħ mal-protezzjoni tad-*data*.

L-RRP Awstrijak se jiffinanzja l-infrastrutturi tar-riċerka u l-kollaborazzjonijiet biex, fost l-oħrajn, jespandi l-bażi tal-għarfien għall-iżvilupp (ulterjuri) ta' kunċetti teknoloġiċi kif ukoll ħardwer u softwer għall-quantum computing, is-simulazzjoni u l-komunikazzjoni.

Il-Belġju, Spanja u s-Slovenja se jappoġġaw id-diġitalizzazzjoni tas-setturi kulturali u tal-midja. Investimenti sinifikanti se jgħammru lill-operaturi kulturali u tal-midja b'għodod teknoloġiċi għad-diġitalizzazzjoni u jappoġġaw u jippromwovu t-trasformazzjoni diġitali tal-istituzzjonijiet kulturali ewlenin, u b'hekk iżidu l-aċċessibbiltà tal-wirt kulturali.

### 3.4. Kontribuzzjoni tal-Faċilità għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv (pilastru 3)

**Il-miżuri li jikkontribwixxu għall-pilastru tat-tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv jikkonċernaw aktar minn elf miżura tat-22 RRP, għal total ta' madwar EUR 223 biljun.** Dawn il-miżuri jikkonċernaw oqsma differenti ħafna, mill-appoġġ lill-SMEs sar-riċerka u l-iżvilupp u l-innovazzjoni, sar-riformi biex itejbu l-ambjent tan-negozju jew il-kompetittività. Dawn ikopru wkoll investimenti kbar biex jappoġġaw tkabbir intelliġenti u sostenibbli bħall-appoġġ ta' Spanja għad-diġitalizzazzjoni u l-innovazzjoni (EUR 3 biljun), it-Transsizione 4.0 tal-Italja (EUR 10.8 biljun), il-kapitalizzazzjoni tal-Portugall tal-bank promozzjonali nazzjonali tiegħu Banco Nacional de Fomento (EUR 1.5 biljun). Dawn il-miżuri jkopru wkoll firxa wiesgħa ta' riformi b'mod partikolari fl-oqsma ewlenin tas-Suq Uniku, bħall-professjonijiet regolati (il-Portugall, il-Kroazja), l-istatus tal-artisti u tal-ħaddiema kulturali (ir-Repubblika Ċeka, il-Greċja, Spanja, jew ir-Rumanija), il-proprjetà intellettwali (l-Italja, il-Greċja), is-sorveljanza tas-suq (l-Italja), l-insolvenza (l-Italja, Spanja, il-Portugall, il-Greċja, is-Slovakkja) u l-akkwist pubbliku (l-Italja, il-Greċja, is-Slovakkja, is-Slovenja, ir-Rumanija u l-Latvja).

*Grafika 8: Tqassim tan-nefqa ta' appoġġ għat-tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv (pilastru 3)*




*Din il-grafika turi analiżi tal-kontribuzzjoni stmata għall-pilastru tal-politika skont lista ta' oqsma ta' politika stabbilita mill-Kummissjoni Ewropea. Il-perċentwal huwa relatat man-nefqa kumplessiva ttikkettata taħt kull qasam ta' politika bħala sehem mill-pilastru tat-tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv.*

*R&Ż&I*

**L-RRPs kollha jinkludu miżuri relatati mar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni**, għal total ta' EUR 44 biljun[26]. L-ammont ta' investimenti fir-R&I tipikament jirrappreżenta bejn 4 % u 13 % tal-allokazzjoni tal-għotjiet tal-RRF ta' Stat Membru, bi ftit anomaliji taħt jew' il fuq minn din il-firxa u medja ta' madwar 10 %.

**Diversi RRPs jinkludu kemm investimenti kif ukoll riformi li jista' jkollhom impatt trasformattiv reali fuq l-iżvilupp tas-sistema tar-R &Ital-Istati Membri, li jsawruha fis-snin li ġejjin.** Pereżempju, f'diversi Stati Membri tal-Lvant u tan-Nofsinhar, li jikkombinaw allokazzjoni għolja ta' għotjiet mill-RRF u intensità baxxa ta' riċerka u żvilupp, l-investimenti inklużi fl-RRPs jammontaw għal aktar minn sena ta' investimenti pubbliċi (qabel il-Covid) fir-R&I. Barra minn hekk, f'xi wħud minn dawk il-pajjiżi, dawn l-investimenti huma marbuta ma' riformi importanti tal-politika tar-R&I. Ir-riformi proposti spiss jippjanaw li jnaqqsu l-frammentazzjoni tas-sistema tar-riċerka xjentifika permezz tal-konsolidazzjoni tal-istituzzjonijiet tar-riċerka xjentifika jew li jżidu l-attraenza tal-karrieri fir-riċerka fl-istituzzjonijiet pubbliċi permezz ta' bidliet fil-politiki dwar ir-reklutaġġ, is-salarji u l-ġestjoni tal-karriera.

L-RRP tas-Slovakkja jinkludi riforma li se trawwem il-konċentrazzjoni ta' kapaċitajiet edukattivi u ta' riċerka eċċellenti billi tgħaqqad l-universitajiet f'unitajiet akbar. Ir-riforma għandha tippermetti wkoll li tiżdied il-kooperazzjoni bejn l-entitajiet tar-riċerka akkademika u n-negozji.

L-RRP tal-Kroazja jinkludi aġenda ta' riforma mmirata biex issaħħaħ il-bażi tax-xjenza pubblika billi tintroduċi sistema ġdida ta' finanzjament ibbażata fuq il-prestazzjoni ta' universitajiet u organizzazzjonijiet pubbliċi tar-riċerka u billi ttejjeb l-attraenza tal-karrieri fir-riċerka u tirrevedi l-qafas ta' avvanz fil-karriera tar-riċerkaturi.

**Ir-riformi għandhom ukoll l-għan li jnaqqsu l-piż amministrattiv** relatat mal-aċċess għall-finanzjament pubbliku għall-attivitajiet tar-R &Iu li jappoġġaw it-trasferiment tal-għarfien u t-teknoloġija (minn istituzzjonijiet pubbliċi tar-riċerka għal kumpaniji privati) permezz tal-ħolqien ta' entitajiet xierqa (uffiċċji, aġenziji) u t-tneħħija tal-ostakli għall-kollaborazzjoni bejn l-akkademja u n-negozji. Fl-aħħar iżda mhux l-inqas, ir-riformi inklużi fl-RRPs għandhom ukoll l-għan li jtejbu l-koordinazzjoni bejn il-livelli differenti ta' governanza tal-politiki tar-R &Iu tal-edukazzjoni, sabiex jirrispondu għall-ħtiġijiet tal-ħiliet u jtejbu l-impjegabbiltà, speċjalment għaż-żgħażagħ.

**Għadd kbir ta' RRPs fihom investimenti tematiċi fir-R&I** li se jippermettu l-mobilizzazzjoni tal-kapaċitajiet tar-R &Ifid-dawl tal-aċċellerazzjoni tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali u t-tisħiħ tar-reżiljenza, f'konformità mal-aġendi fil-livell tal-UE (madwar 37 % u 22 % tal-kost stmat tal-miżuri relatati mar-R&I tabilħaqq ġew ittikkettati bħala li

[26] Dan jinkludi miżuri li jindirizzaw ir-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni b'mod ġenerali, kif ukoll miżuri li jindirizzaw speċifikament ir-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni b'rabta mat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi jew diġitali.

jikkontribwixxu għall-objettivi ekoloġiċi u diġitali rispettivament). Dawn l-investimenti tematiċi se jikkonsistu l-aktar fl-għoti ta' appoġġ finanzjarju għall-attivitajiet u l-infrastrutturi tar-R &I. Xi Stati Membri inkludew ukoll investimenti biex jappoġġaw is-Sħubijiet ta' Orizzont Ewropa u l-finanzjament ta' proġetti eċċellenti li rċevew is-"Siġill ta' Eċċellenza" taħt Orizzont Ewropa.

| |
|---|
| L-RRP tad-Danimarka għandu l-għan li jipprovdi lis-setturi pubbliċi u privati b'inċentivi biex tingħata spinta lir-R&Ż, b'mod partikolari f'teknoloġiji ekoloġiċi innovattivi permezz tat-twaqqif ta' erba' sħubijiet pubbliċi-privati msejħa "sħubijiet ekoloġiċi" biex jiġu żviluppati soluzzjonijiet għal erba' sfidi bbażati fuq il-missjoni tat-tnaqqis tal-emissjonijiet fis-setturi tat-trasport, l-agrikoltura, l-ikel u l-ħela. |

***Appoġġ għall-intrapriżi (inklużi l-SMEs, l-Aċċess għall-finanzi u l-istrumenti finanzjarji)***

**Il-biċċa l-kbira tal-RRPs (19 minn 22) jinkludu miżuri li jipprovdu appoġġ dirett lill-SMEs,** li jammontaw għal EUR 44 biljun li jirrappreżentaw madwar 22 % tan-nefqa totali stmata għall-pilastru 3[27]. Madankollu, l-SMEs se jibbenefikaw ukoll minn ġabra akbar ta' miżuri li għandhom fokus politiku usa'. Pereżempju, sejħa għal proġetti li jappoġġaw ir-R &I fl-oqsma ekoloġiċi u diġitali, strumenti finanzjarji miftuħa għall-kumpaniji kollha, riformi tal-ambjent tan-negozju b'impatt fuq l-SMEs kif ukoll ditti akbar, jew miżuri wiesgħa bħad-diġitalizzazzjoni tas-servizzi tal-amministrazzjoni pubblika li se jkollhom impatt pożittiv fuq l-operazzjonijiet u l-kostijiet ta' ħafna SMEs iżda mhux se jkunu esklużivi għall-SMEs. Meta jitqiesu dawn il-miżuri addizzjonali, l-RRPs kollha jinkludu miżuri li huma rilevanti għall-SMEs, b'nefqa totali stmata ta' madwar EUR 109 biljun jew qrib 24 % tan-nefqa totali stmata[28].

**B'mod ġenerali, il-kamp ta' applikazzjoni tal-miżuri tal-SMEs inklużi fl-RRPs ikopri firxa wiesgħa ta' oqsma, mit-titjib tal-ambjent tan-negozju u l-aċċess għall-akkwist pubbliku, għad-diġitalizzazzjoni tal-SMEs u t-titjib tas-sostenibbiltà ambjentali tagħhom.** Għadd ta' miżuri għandhom ukoll l-għan li jtejbu t-tkabbir u r-reżiljenza tal-SMEs permezz ta' aċċess imtejjeb għall-finanzi, it-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet tal-impjegati tagħhom jew it-tisħiħ tal-kapaċitajiet tagħhom ta' riċerka u żvilupp. Minbarra l-miżuri li jimmiraw b'mod espliċitu għall-SMEs - u esklussivament f'xi każijiet – għadd ta' miżuri tal-RRPs huma mistennija wkoll li indirettament ikunu ta' benefiċċju għall-SMEs. Dan huwa l-każ għall-investimenti kbar appoġġati mill-RRP f'setturi b'sehem għoli ta' SMEs, bħall-kostruzzjoni u t-turiżmu jew is-sejħa għal proġetti għal attività ta' R &Dli għalihom jistgħu jipparteċipaw SMEs innovattivi.

[27] Din l-istima hija bbażata fuq il-metodoloġija tat-tikkettar tal-pilastri għat-Tabella ta' Valutazzjoni għall-Irkupru u r-Reżiljenza u tikkorrispondi għall-miżuri allokati għall-oqsma ta' politika "Appoġġ għall-SMEs" bħala oqsma ta' politika primarji jew sekondarji.

[28] Dawn iċ-ċifri huma bbażati fuq il-metodoloġija tat-tikkettar tal-pilastri u huma bbażati fuq il-miżuri allokati għall-oqsma ta' politika "Appoġġ għall-SMEs" bħala oqsma ta' politika primarji jew sekondarji, estiżi aktar b'kont meħud ukoll ta' miżuri addizzjonali, inklużi taħt pilastri ta' politika jew oqsma ta' politika oħra li huma rilevanti wkoll għall-SMEs. Il-miżuri li jappoġġaw esklussivament lill-SMEs ġew identifikati abbażi tad-deskrizzjoni tagħhom fl-annessi rilevanti tas-CID.

Il-Kroazja se tistabbilixxi għadd ta' strumenti finanzjarji biex tipprovdi kundizzjonijiet ta' finanzjament aktar favorevoli, bl-objettiv li tqassam 1,300 self/sussidji tar-rati tal-imgħax lill-SMEs. Il-Kroazja se tinvesti wkoll fil-kapaċità ta' ġestjoni tal-SMEs billi tipprovdilhom appoġġ ta' konsulenza kummerċjali.

Il-Latvja se tappoġġa lill-SMEs b'azzjonijiet dwar il-ħiliet diġitali, it-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet, kif ukoll tappoġġa infrastrutturi diġitali innovattivi bħas-soluzzjonijiet tal-Industrija 4.0.

L-RRP ta' Franza se jappoġġa r-rinnovazzjoni tal-enerġija tal-SMEs b'miżura ta' kreditu tat-taxxa u skema speċifika li tappoġġa lill-artiġjani, lin-negozjanti ż-żgħar u lill-persuni li jaħdmu għal rashom fix-xogħlijiet ta' rinnovazzjoni tal-enerġija tagħhom.

Il-pjan tal-Finlandja jimmira speċifikament lejn l-SMEs billi jiffoka fuq l-aċċellerazzjoni tat-tkabbir tal-intrapriżi mikro u żgħar Finlandiżi, kif ukoll jagħti spinta lill-kapaċitajiet ta' internazzjonalizzazzjoni tagħhom billi jipprovdi għotjiet għall-iżvilupp tan-negozju.

Fil-pjan ta' Spanja, l-appoġġ lill-SMEs huwa ffukat b'mod sinifikanti fuq id-diġitalizzazzjoni bi skema wiesgħa (EUR 3 biljun) biex jiġu pprovduti pakketti bażiċi u aktar avvanzati ta' diġitalizzazzjoni lil sehem sinifikanti ta' SMEs (Sett ta' Għodod Diġitali).

Il-pjan tal-Greċja jinkludi wkoll diversi investimenti mmirati lejn il-promozzjoni tal-aċċess għall-finanzjament għal ditti Griegi inklużi l-SMEs permezz ta' skema ambizzjuża ta' Faċilità ta' Self. Dawn l-investimenti se jiġu allinjati mal-ħames pilastri strateġiċi stabbiliti għall-Faċilità ta' Self, jiġifieri t-tranżizzjoni ekoloġika, id-diġitalizzazzjoni, l-estroverżjoni, l-ekonomiji ta' skala permezz ta' fużjonijiet u akkwiżizzjonijiet, u l-innovazzjoni (R&Ż).

Fl-iskjerament tal-RRPs tagħhom, l-Istati Membri għandhom ukoll ħafna spazju għall-immanuvrar biex irawmu l-parteċipazzjoni tal-SMEs fi proġetti fuq skala kbira kif ukoll il-kooperazzjoni bejn l-intrapriżi żgħar u kbar jew l-akkademja.

Il-proġett strateġiku għall-vettura elettrika u konnessa previst fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza ta' Spanja, PERTE, jipprevedi l-implimentazzjoni ta' diversi proġetti integrati kbar li jkopru l-katina tal-valur kollha għall-vettura elettrika u konnessa, imsejħa "proġetti ta' tratturi". Jirrikjedi li mill-inqas 40 % tal-parteċipanti fi proġetti ta' tratturi jkunu SMEs, u li mill-inqas 30 % tal-għajnuna kollha tkun ta' benefiċċju għall-SMEs. Il-miżura hija mistennija li tikkontribwixxi għaż-żamma u l-iżvilupp tal-parteċipazzjoni tal-SMEs fil-katina tal-valur tal-industrija awtomobilistika u li toħloq opportunitajiet ġodda ta' negozju għan-negozji l-ġodda u l-SMEs.

***Ambjent tan-Negozju***

Il-biċċa l-kbira tal-RRPs jinkludu miżuri biex jittejjeb l-ambjent tan-negozju, b'riformi u investiment li jirrappreżentaw EUR 17.2 biljun u 8.5 % tan-nefqa stmata f'dan il-qasam. B'mod partikolari, il-miżuri għandhom l-għan li jtejbu l-faċilità tan-negozju billi jnaqqsu l-

burokrazija għall-kumpaniji u l-intraprendituri u b'liberalizzazzjoni tar-regolamentazzjoni tan-negozju u jnaqqsu r-restrizzjonijiet fi professjonijiet regolati ħafna. Il-miżuri għandhom l-għan ukoll li jattiraw investimenti u talenti barranin jew li jiżviluppaw setturi ewlenin bħall-kultura u t-turiżmu. Xi RRPs jintroduċu pakketti ta' riformi biex iżidu l-kompetittività tal-konċessjonijiet pubbliċi u l-akkwist pubbliku.

L-RRP tal-Greċja jinkludi riforma li għandha l-għan li tnaqqas il-piż amministrattiv u regolatorju fuq in-negozji. Ir-riforma tinkludi sensiela ta' interventi biex jissimplifikaw il-proċeduri bħall-ksib ta' kreditu, il-kisba ta' konnessjoni tal-elettriku, ir-reġistrazzjoni tal-proprjetà, u l-kisba ta' permess għall-bini.

Spanja qed tippjana li tadotta liġi ġdida li se toħloq kundizzjonijiet favorevoli għall-ħolqien u t-tkabbir ta' negozji ġodda innovattivi.

L-Awstrija tinkludi wkoll pakkett ta' negozji ġodda mfassal għall-ħtiġijiet tan-negozji ġodda, l-SMEs innovattivi u l-intraprenditorija soċjali.

Il-maġġoranza tal-RRPs jinkludu miżuri fil-qasam tal-infrastruttura tan-negozju, l-industrijalizzazzjoni u r-riindustrijalizzazzjoni, b'valur totali ta' EUR 26 biljun f'dawn l-oqsma ta' politika. Dawn il-miżuri jikkonċernaw b'mod partikolari t-titjib tal-konnessjoni bil-ferrovija u bit-triq mal-portijiet, li jwasslu għal parks industrijali u l-iżvilupp ta' ċentri tat-trasport multimodali; ir-riabilitazzjoni ta' siti industrijali inkluż il-ġestjoni tal-ilma u tal-iskart; miżuri li jappoġġjaw l-ekonomija ċirkolari f'siti industrijali, inklużi ċentri ta' riċiklaġġ; ċentri loġistiċi għall-appoġġ tal-industrija agroalimentari; konnettività broadband u 5G għal siti industrijali u distretti tan-negozju; il-ħolqien ta' spazji tad-data għall-applikazzjoni industrijali jew għal setturi industrijali speċifiċi.

### 3.5. Kontribuzzjoni tal-Faċilità għall-koeżjoni soċjali u territorjali (pilastru 4)

**Il-miżuri li jappoġġjaw il-koeżjoni soċjali u territorjali jammontaw għal EUR 193 biljun tan-nefqa stmata.** Il-miżuri mmirati lejn il-koeżjoni territorjali jinkludu b'mod partikolari investimenti kbar fl-infrastruttura li b'hekk jirrappreżentaw aktar minn nofs l-infiq li jikkontribwixxi għall-pilastru 4 (72 %). In-nefqiet tal-koeżjoni soċjali fil-pilastru 4 huma kondiviżi b'mod ġenerali b'mod ugwali bejn il-politiki soċjali (il-protezzjoni soċjali u l-akkomodazzjoni soċjali) u l-miżuri li jikkontribwixxu għall-impjiegi u l-ħiliet (appoġġ għall-impjieg mhux taż-żgħażagħ, modernizzazzjoni tal-istituzzjonijiet tas-suq tax-xogħol u l-edukazzjoni għall-adulti).

*Grafika 9: Tqassim tan-nefqa li tappoġġa l-koeżjoni soċjali u territorjali għal kull qasam ta' politika (pilastru 4)*




*Din il-grafika turi analiżi tal-kontribuzzjoni stmata għall-pilastru tal-politika skont lista ta' oqsma ta' politika stabbilita mill-Kummissjoni Ewropea. Il-perċentwal huwa relatat man-nefqa kumplessiva ttikkettata taħt kull qasam ta' politika bħala sehem mill-pilastru tal-koeżjoni soċjali u territorjali.*

### *Infrastruttura u servizzi territorjali, żvilupp ta' żoni rurali u remoti (inklużi gżejjer)*

**Għadd kbir ta' riformi u investimenti għandhom l-għan li jtejbu l-infrastruttura u s-servizzi territorjali pprovduti fil-livell lokali, kif ukoll li jimlew id-distakk bejn iż-żoni urbanizzati u dawk rurali.** Dawn jinkludu miżuri għall-appoġġ tas-settur agrikolu, għat-titjib tal-infrastrutturi li jistgħu jagħtu spinta lill-ekonomija lokali u l-kompetittività nazzjonali (bħall-ferroviji u l-portijiet), u l-għoti ta' servizzi li għandhom impatt dirett fuq il-kwalità tal-ħajja ta' kuljum. Ħafna mill-miżuri dwar l-infrastrutturi u s-servizzi territorjali jikkonċernaw it-titjib u l-innovazzjoni tal-mobbiltà u t-trasport, billi jtejbu s-sistemi tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru, jinvestu fil-kostruzzjoni, it-titjib u l-elettrifikazzjoni tal-ferroviji, jimmodernizzaw l-infrastrutturi tal-portijiet u tal-portijiet, u jappoġġaw proġetti ta' mobbiltà urbana sostenibbli, bħal servizzi tat-trasport pubbliku b'kapaċità għolja u l-kostruzzjoni ta' korsiji għaċ-ċikliżmu.

**L-RRPs jinkludu wkoll għadd ta' miżuri biex itejbu l-użu tar-riżorsi naturali u jippreservaw l-ambjent fil-livell lokali.** Dan huwa l-każ ta' riformi dwar id-drenaġġ u l-ġestjoni tal-iskart fil-gżejjer, investimenti għall-espansjoni tas-sistemi tat-trattament tal-ilma f'agglomerazzjonijiet kbar kif ukoll in-networks ta' irrigazzjoni f'żoni rurali, miżuri biex tiżdied is-sostenibbiltà tal-agrikoltura, it-trobbija tal-bhejjem u s-sajd u biex jiġi appoġġat il-ħolqien ta' konsorzji f'żoni rurali funzjonali. Fir-rigward tas-servizzi territorjali, l-RRPs jipprevedu miżuri biex tissaħħaħ il-kapaċità tal-muniċipalitajiet li jipprovdu servizzi ta' kwalità tajba permezz ta' riformi ta' deċentralizzazzjoni u investimenti biex tittejjeb il-prestazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika fil-livell lokali.

Il-pjanijiet tal-Belġju, tad-Danimarka u tal-Italja jinkludu investimenti biex jinkoraġġixxu l-bini ta' mogħdijiet tar-roti f'toroq tal-istat. Dan se jappoġġa l-aċċess għal network ta' toroq tar-roti aktar koerenti għaċ-ċittadini u s-settur tat-turiżmu u b'hekk opportunitajiet aħjar biex tintgħażel ir-rota aktar milli modi oħra ta' trasport. Barra minn hekk, il-miżuri se jappoġġaw skema mmirata lejn proġetti muniċipali ta' kostruzzjoni ta' roti.

Ċipru ser jimplimenta miżuri kontra l-għargħar u l-ġbir tal-ilma mmirati lejn Livadia, Kladeri u ċ-ċentru ta' Nikosija. B'mod aktar preċiż, dan l-investiment se jappoġġa t-titjib tal-kanali tal-għargħar f'Livadia, il-bini ta' network tal-ġbir tal-ilma tax-xita b'tul ta' 4 600 metru f'Kladeri, u ta' sistema tad-drenaġġ f'Nikosija, inkluż ir-rikostruzzjoni tat-toroq u l-bankini u l-espansjoni tan-network tal-ilma tax-xita.

L-RRP tal-Latvja jipprevedi riforma territorjali amministrattiva biex tittejjeb il-kwalità tas-servizzi billi jitnaqqas l-għadd ta' unitajiet amministrattivi u jiżdiedu l-effiċjenza u l-aċċessibbiltà tat-twassil tas-servizzi. Il-miżura tinkludi l-adozzjoni ta' Liġi tal-Muniċipalità ġdida li tirrevedi l-funzjonijiet u l-kompiti tal-gvernijiet lokali. Il-liġi l-ġdida għandha tiżgura governanza aħjar fil-livell muniċipali, separazzjoni u diviżjoni aktar ċari tal-kompetenzi bejn is-setgħat tat-teħid tad-deċiżjonijiet u s-setgħat eżekuttivi, u ż-żieda fil-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fit-teħid tad-deċiżjonijiet tal-komunitajiet lokali.

*Protezzjoni soċjali, inklużjoni, akkomodazzjoni soċjali u infrastruttura soċjali*

**L-RRPs ikopru firxa wiesgħa ta' riformi u investimenti li jsaħħu s-sistemi ta' protezzjoni soċjali tal-Istati Membri.** Dawn il-miżuri jiffukaw fuq l-effettività, il-kwalità u r-reżiljenza tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali, skont il-ħtiġijiet speċifiċi għall-pajjiż kif enfasizzat fis-CSRs 2019/2020. Il-maġġoranza tal-investimenti tal-protezzjoni soċjali taħt l-RRF huma relatati mal-aġġornament, l-espansjoni jew it-titjib tan-network u l-faċilitajiet tas-servizzi soċjali pprovduti minn istituzzjonijiet soċjali pubbliċi u privati. Dawn jinkludu wkoll miżuri speċifiċi li jindirizzaw, pereżempju, l-inklużjoni ta' persuni b'diżabilità, iż-żieda fl-adegwatezza u s-sostenibbiltà tal-benefiċċji soċjali, u t-titjib tal-kundizzjonijiet tal-għajxien tal-anzjani li jeħtieġu l-kura. Għadd ta' Stati Membri jinkludu wkoll investimenti importanti biex tiżdied il-provvista ta' akkomodazzjoni soċjali u infrastruttura soċjali lil gruppi vulnerabbli. Xi Stati Membri inkludew ukoll fl-RRPs tagħhom passi għar-riforma tas-sistemi tal-introjtu minimu u tal-pensjonijiet biex iżidu l-adegwatezza u s-sostenibbiltà tagħhom. Il-miżuri favur il-protezzjoni soċjali u l-akkomodazzjoni soċjali jammontaw għal madwar EUR 27 biljun tan-nefqa stmata.

Il-Portugall: "*Programm ta' Appoġġ għall-Aċċess għa*ll-Akkomodazzjoni" huwa investiment biex tiġi ssalvagwardjata akkomodazzjoni deċenti u adegwata għall-familji bl-akbar ħtiġijiet u għall-gruppi l-aktar vulnerabbli, bl-objettiv li tiġi appoġġata l-aktar l-akkomodazzjoni għall-akkomodazzjoni soċjali għal mill-inqas 26 000 unità domestika fil-bżonn sal-2026. L-investimenti jipprevedu l-kostruzzjoni ta' bini ġdid, ir-rinnovazzjoni ta' abitazzjonijiet eżistenti, kif ukoll, kull meta jkun meħtieġ, l-akkwist u l-kiri ta' bini addizzjonali biex jipprovdu akkomodazzjoni soċjali.

Il-Litwanja: ir-riforma biex tiżdied il-kopertura tal-iskema tal-assigurazzjoni tal-qgħad, l-introduzzjoni ta' benefiċċji addizzjonali għall-anzjani waħedhom u l-persuni b'diżabilità, kif ukoll it-titjib tal-mekkaniżmu tal-indiċjar tal-pensjonijiet biex jittaffa l-faqar fix-xjuħija.

Il-Kroazja: l-RRP jinkludi riforma u investiment fil-mentoraġġ soċjali, biex jiġi introdott servizz ta' mentoring individwalizzat fiċ-ċentri tal-assistenza soċjali mmirati lejn individwi f'riskju jew f'pożizzjoni marġinalizzata. Dan is-servizz il-ġdid se jiffoka fuq l-integrazzjoni tal-persuni b'diżabilità, il-vittmi tal-vjolenza, il-persuni mingħajr dar, il-migranti, ir-Rom, iż-żgħażagħ, il-persuni li jiskontaw sentenzi ta' ħabs u l-membri ta' gruppi soċjalment vulnerabbli oħra.

Spanja: ir-riforma dwar il-protezzjoni tal-familji u r-rikonoxximent tad-diversità tagħhom, li tipprovdi rikonoxximent legali tat-tipi differenti ta' strutturi tal-familja u tiddetermina l-benefiċċji u s-servizzi li huma intitolati għalihom skont il-karatteristiċi u l-livelli ta' introjtu tagħhom.

**Il-Faċilità qed tappoġġa xi miżuri biex tiflaħ għall-effett immedjat tal-kriżi tal-COVID-19, kif ukoll miżuri fuq terminu medju li jikkontribwixxu biex titkompla l-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali**. L-RRPs għandhom dimensjoni tal-impjiegi u soċjali prominenti, f'konformità mal-isfidi nazzjonali identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż. In-nefqa soċjali totali prevista skont il-pjanijiet nazzjonali fil-kuntest tal-RRF tammonta għal madwar 30 % tal-allokazzjoni totali ppjanata tal-UE[36] (ara t-taqsima 3). Filwaqt li għadu kmieni wisq biex l-effett pożittiv tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza jiġi rifless fl-indikaturi tal-impjiegi u soċjali, l-implimentazzjoni tar-riformi u l-investimenti sinifikanti fid-dimensjoni soċjali ppjanati fil-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, b'mod partikolari r-riformi u l-investimenti ambizzjużi fil-qasam tal-impjiegi, tal-ħiliet u soċjali, huma stabbiliti, flimkien mal-fondi tal-politika ta' koeżjoni, biex

[35] Il-grafika turi l-effetti massimi fuq il-PDG reali espressi f'devjazzjoni għal kull ċenteżmu minn linja bażi ta' ebda bidla fil-politika għal profil ta' nfiq lineari tal-NGEU (2021 sa 2026) taħt produttività għolja. Il-blokok jinkludu l-Istati Membri li ġejjin: PDG per capita ogħla mill-medja: AT, BE, DE, DK, FR, FI, IE, LU, NL, SE; PDG per capita taħt il-medja (dejn għoli): CY, EL, ES, IT, PT; u taħt il-medja tal-PDG per capita tall-UE (dejn baxx): L-Istati Membri kollha tal-EU-27 li mhumiex inklużi fil-gruppi preċedenti. Sors: Aggregazzjoni bbażata fuq Pfeiffer et al. (2021).

[36] In-nefqa soċjali hija kkalkulata abbażi tad-disa' oqsma ta' politika soċjali miġbura f'erba' kategoriji soċjali (l-impjiegi u l-ħiliet, l-edukazzjoni u l-indukrar tat-tfal, is-saħħa u l-kura fit-tul, u l-politiki soċjali) kif stabbilit fir-Regolament Delegat 2021/2105.

jippromwovu rkupru ġust, inklużiv u sostenibbli. Huma ser ikunu wkoll kontributur ewlieni għall-kisba tal-miri ewlenin tal-UE 2030 dwar l-impjiegi, l-edukazzjoni għall-adulti u t-tnaqqis tal-faqar li ntlaqgħu fis-summit ta' Porto.

*Il-kontribuzzjoni tal-Faċilità għar-reżiljenza fl-Unjoni*

**L-RRPs adottati huma mistennija li jkollhom impatt pożittiv fuq ir-reżiljenza[37] tal-ekonomija tal-UE, billi jsaħħu l-kapaċitajiet tal-Istati Membri biex jirkupraw u jindirizzaw malajr il-vulnerabbiltajiet tagħhom.** Id-dashboard aġġornat (2021) tar-reżiljenza[38], żviluppat mill-Kummissjoni Ewropea bħala segwitu għar-Rapport ta' Prospettiva Strateġika tal-2020[39], jippreżenta indikaturi li jirriflettu l-kapaċitajiet ta' reżiljenza u l-vulnerabbiltajiet tal-Istati Membri f'erba' dimensjonijiet: dik soċjali u ekonomika, ekoloġika, diġitali u reżiljenza ġeopolitika. Dawn l-oqsma jingħaqdu mal-pilastri ta' politika rilevanti taħt l-RRF: it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, it-tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv, il-koeżjoni soċjali u territorjali, il-politiki għall-ġenerazzjoni li jmiss, u b'mod partikolari r-reżiljenza tas-saħħa, ekonomika, soċjali u istituzzjonali.

*Il-kontribut tal-RRF lejn il-politiki tal-UE*

**Il-miżuri inklużi fl-RRPs se jikkontribwixxu għall-aġenda politika ambizzjuża tal-Unjoni biex tmexxi rkupru sostenibbli, ġust u inklużiv u biex tagħmel l-ekonomija tal-UE aktar reżiljenti għal xokkijiet futuri,** filwaqt li tittrasforma l-ekonomiji u s-soċjetajiet tal-UE f'konformità mal-ambizzjoni tat-tranżizzjonijiet doppji. Imnedija fil-bidu tal-mandat attwali tal-Kummissjoni, l-erba' dimensjonijiet komplementari tal-aġenda tas-sostenibbiltà kompetittiva tal-UE (jiġifieri s-sostenibbiltà ambjentali, il-produttività, il-ġustizzja u l-istabbiltà makroekonomika) jidhru b'mod prominenti fost l-objettivi tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u ggwidaw l-aġendi ta' riforma u investiment tal-Istati Membri mressqa fl-RRPs tagħhom.

**Dwar id-dimensjoni ekoloġika, il-miżuri inklużi fl-RRPs se jikkontribwixxu direttament għall-objettiv li jitnaqqsu l-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra b'mill-inqas 55 % sal-2030, objettiv minqux fil-Liġi Ewropea dwar il-Klima u appoġġati mill-proposti "Lesti għall-mira ta' 55 %"[40] adottati f'Lulju 2021 biex il-politiki dwar il-klima, l-enerġija, l-użu tal-art, it-trasport u t-tassazzjoni jkunu adatti għall-55.**

**Dwar id-dimensjoni diġitali, il-miżuri inklużi fl-RRPs se jikkontribwixxu wkoll direttament għall-objettivi tal-UE ta' trasformazzjoni diġitali tas-soċjetà u l-ekonomija Ewropej.** L-RRPs jinkludu appoġġ għall-objettivi fl-ispettri tal-politika diġitali: l-appoġġ għall-iżvilupp tal-ħiliet diġitali tal-popolazzjoni u tal-forza tax-xogħol, il-konnettività diġitali f'żoni li mhumiex moqdijin tajjeb, l-iżvilupp u l-użu ta' teknoloġiji avvanzati, kif ukoll it-

[37] Ir-Regolament dwar l-RRF jiddefinixxi r-reżiljenza fl-Artikolu 2 (5) bħala l-"kapaċità li jiġu ffaċċjati xokkijiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali jew bidliet strutturali persistenti b'mod ġust, sostenibbli u inklużiv.

[38] Ir-rapport u l-anness tad-Dashboards tar-Reżiljenza | Il-Kummissjoni Ewropea (europa.eu).

[39] Ir-rapport ta' Prospettiva Strateġika tal-2020 (https://ec.europa.eu/info/strategy/strategic-planning/strategic-foresight/2020-strategic-foresight-report_en) jiddefinixxi r-reżiljenza bħala "l-abbiltà mhux biss li wieħed jirreżisti u jlaħħaq mal-isfidi iżda wkoll li jgħaddi minn tranżizzjonijiet b'mod sostenibbli, ġust u demokratiku."

[40] COM(2021) 550 final.

trasformazzjoni diġitali tas-setturi privati u pubbliċi. Barra minn hekk, ħafna Stati Membri jipparteċipaw, permezz tal-RRPs tagħhom, fi proġetti multinazzjonali li se jappoġġaw l-iżvilupp ta' kapaċitajiet diġitali ewlenin tal-UE, inklużi l-mikroelettronika, il-cloud u l-edge. Meħuda flimkien, l-RRF hija mistennija li tagħti kontribut importanti għall-kisba tal-miri tad-Deċennju Diġitali[41]. **Dwar id-dimensjoni soċjali u t-tranżizzjoni ġusta, l-RRPs se jikkontribwixxu wkoll direttament biex ikomplu jimplimentaw il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali** kif ukoll il-miri ewlenin il-ġodda tal-UE dwar l-impjiegi, il-ħiliet u t-tnaqqis tal-faqar imressqa fis-Summit Soċjali ta' Porto ta' Mejju 2021. Se jikkontribwixxi wkoll għall-irkupru tas-swieq tax-xogħol f'konformità mar-Rakkomandazzjoni dwar Appoġġ Attiv Effettiv għall-Impjiegi (EASE) wara l-kriżi tal-COVID-19.

**Għal issa u għas-snin li ġejjin, l-RRF se tkun fil-qalba tal-proċess tal-qafas ta' sorveljanza tas-Semestru Ewropew** għall-koordinazzjoni tal-politiki ekonomiċi u tal-impjiegi tal-Istati Membri u se tkompli taqdi dan ir-rwol fil-fażi ta' rkupru u fl-avvanz fit-tranżizzjonijiet doppji. Kif enfasizzat fl-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli 2022[42], filwaqt li titqies il-ħtieġa ta' adattament, is-Semestru Ewropew se jevolvi fl-2022 f'konformità mal-implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza. Il-Kummissjoni se tagħmel kull sforz biex tiżgura sinerġiji u obbligi ta' rapportar simplifikati bejn l-RRF u s-Semestru Ewropew. Id-djalogu kostruttiv mal-Istati Membri se jkun fil-qalba tas-Semestru Ewropew imniedi mill-ġdid, integrat mad-djalogu dwar l-implimentazzjoni tal-RRPs.

### 4.2. Kontribuzzjoni tal-RRF għal proġetti multinazzjonali

**L-RRF tappoġġa l-parteċipazzjoni tal-Istati Membri fi proġetti transfruntiera**, bl-ippjanar ta' riformi u investimenti għall-ħames snin li ġejjin li jsir fl-istess ħin b'mod koordinat. Filwaqt li kull RRP jirrifletti s-sitwazzjoni speċifika ta' kull Stat Membru, xi sfidi komuni jirrikjedu riformi u investimenti kkoordinati. Il-kollaborazzjoni bejn diversi pajjiżi tista' tippermetti l-appoġġ għal proġetti kbar li Stat Membru wieħed ma setax jiżviluppa waħdu u jippermetti li jingħabru r-riżorsi, jiżdied l-impatt u jinkisbu ekonomiji ta' skala u sinerġiji.

**Matul it-tħejjija tal-pjanijiet, il-Kummissjoni kellha rwol attiv biex tħeġġeġ lill-Istati Membri jipparteċipaw fi proġetti multinazzjonali ewlenin,** li jsaħħu l-koordinazzjoni għal investimenti kritiċi f'setturi strateġiċi — u jipprovdu benefiċċji tanġibbli għas-Suq Uniku. Pereżempju, f'Jannar 2021, il-Kummissjoni organizzat sessjoni ta' ħidma dwar proġetti diġitali multinazzjonali, li fihom ipparteċipaw u ffaċilitaw aktar tard l-iskambji mal-Istati Membri dwar dawn il-proġetti. B'riżultat ta' dan, bosta RRPs jinkludu miżuri li jipparteċipaw f'għadd ta' proġetti multinazzjonali, kif spjegat fid-dettall hawn taħt.

*It-tranżizzjoni ekoloġika*

**Aktar minn nofs l-RRPs jinkludu miżuri li jikkontribwixxu għal proġetti multinazzjonali jew inizjattivi transfruntiera relatati mat-tranżizzjoni ekoloġika:** 12

[41] Id-Deċennju Diġitali tal-Ewropa: miri diġitali għall-2030 | Il-Kummissjoni Ewropea (europa.eu)
[42] COM(2021) 740 final.

mill-22 pjan adottati. B'kollox, aktar minn 37 miżura (jew submiżura) huma rilevanti għal proġetti ekoloġiċi multinazzjonali jew transfruntiera, għal ammont totali li jaqbeż EUR 271 biljun.

- **Il-proġetti multinazzjonali** bl-ogħla adozzjoni fl-RRPs huma l-ħdax-il IPCEIs potenzjali dwar l-idroġenu (inklużi f' 8 RRPs). Il-proġetti ekoloġiċi multinazzjonali jinkludu wkoll interkonnettur elettriku wieħed (EUR 0.1 biljun) u l-interkonnettur ferrovjarju bejn Verona u Brenner (EUR 0.9 biljun).
- **Il-proġetti transfruntiera se jrawmu l-interoperabbiltà ferrovjarja tal-UE, b'dimensjoni transfruntiera sinifikanti.** Dawn l-ewwel jirrigwardaw l-implimentazzjoni tas-Sistema Ewropea tal-Ġestjoni tat-Traffiku Ferrovjarju (ERTMS) (3 RRPs, 5 proġett, EUR 3.1 biljun). L-ERTMS hija dwar l-interoperabbiltà, id-diġitalizzazzjoni u s-sikurezza tas-servizzi ferrovjarji u hija kruċjali biex it-traffiku jiġi ttrasferit mit-triq għall-ferrovija għat-trasport tal-merkanzija bil-ferrovija fuq rotot transfruntiera. Il-ħtiġijiet ta' investiment f'termini ta' senjalar ferrovjarju madwar l-UE kollha (ERTMS) huma sinifikanti, peress li 11 % biss tal-kurituri tat-TEN-T huma mgħammra b'mod adegwat. Barra minn hekk, l-RRF se tiffinanzja l-implimentazzjoni tal-kurituri ferrovjarji tat-TEN-T (eż., RailBaltica, il-Mediterran (Spanja-Franza), L-Iskandinavja-Il-Mediterran (it-taqsima Taljana) Il-Baħar tat-Tramuntana-il-Mediterran (il-Belġju - il-Lussemburgu)) għal ammont li jaqbeż il-EUR 22.9 biljun (madwar 6 RRPs, 23 proġett).

*Tabella 3: Proġetti ekoloġiċi multinazzjonali fl-RRPs adottati*

| | AT | BE | BG | CY | CZ | DE | DK | EE | EL | ES | FI | FR | HR | HU | IE | IT | LT | LU | LV | MT | NL | PL | PT | RO | SE | SI | SK | *Total* |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **IPCEI Idroġenu** | • | • | | | | • | | | | • | • | • | | | | • | | | | | | | • | | | | | **8** |
| **Interkonnettur elettriku** | | | | • | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | **1** |
| **Interkonnettur ferrovjarju** | | | | | | | | | | | | | | | | | • | | | | | | | | | | | **1** |
| **ERTMS** | | | | | | | | | | • | | | | | | • | | | | | | | | • | | | | **3** |
| **Kurituri TEN-T** | • | | | | | | | • | | • | | | • | | | • | | | | | | | | • | | | | **6** |

### *Tranżizzjoni diġitali*

**Il-biċċa l-kbira tal-RRPs jinkludu miżuri li jikkontribwixxu għal proġetti multinazzjonali jew inizjattivi transfruntiera relatati mat-tranżizzjoni diġitali:** 20 mit-22 pjan adottati, bl-eċċezzjoni tal-pjanijiet tad-Danimarka u ta' Malta. B'kollox, aktar minn 60 miżura (jew submiżura) huma rilevanti għal proġetti diġitali multinazzjonali, għal ammont totali ta' madwar EUR 5 biljun.

**Iż-żewġ IPCEIs potenzjali dwar il-mikroelettronika (12 RRPs) u t-teknoloġiji cloud (6 RRPs) huma fost il-proġetti multinazzjonali bl-ogħla użu fl-RRPs.** Diversi RRPs jinkludu wkoll investimenti fi proġetti multinazzjonali relatati mal-Hubs ta' Innovazzjoni Diġitali Ewropej (8 RRPs), il-kurituri 5G (7 RRPs) u l-komunikazzjoni kwantistika (4 RRPs). Tabella 4 tiġbor fil-qosor il-proġetti diġitali multinazzjonali fl-RRPs adottati.

*Tabella 4: Proġetti diġitali multinazzjonali*

| | AT | BE | BG | CY | CZ | DE | DK | EE | EL | ES | FI | FR | HR | HU | IE | IT | LT | LU | LV | MT | NL | PL | PT | RO | SE | SI | SK | *Total* |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Mikroelettronika** | ● | ● | | | ● | ● | | | | ● | ● | ● | | | | ● | | | ● | | | | | ● | | ● | ● | 12 |
| **Hubs ta' Innovazzjoni Diġitali Ewropej** | | | | | ● | | | | | ● | | | ● | | ● | ● | | | ● | | | | ● | | | | ● | 8 |
| **Kurituri 5G** | | | | | ● | | | | ● | ● | ● | | | | | ● | ● | | ● | | | | | | | | | 7 |
| **Cloud** | | | | | | ● | | | | ● | | ● | | | | ● | | | ● | | | | | | | ● | | 6 |
| **Strutturi tal-Infrazzjonijiet tal-Komunkazzjoni tal-Kwantum tal-Euro** | | | | | ● | | | | ● | | | | | | | | | ● | | | | | | | | ● | | 4 |
| **Euro High Perf. Computing** | | | | | | | | | ● | | | | | | | ● | | | | | | | | | | | ● | 3 |
| **Amministrazzjoni pubblika konnessa** | | | | | | | | | ● | | | | ● | | | | | | | | | | ● | | | | | 3 |
| **Il-ġenoma tal-Ewropa** | | | | | | | | | | ● | | | | | | | ● | | ● | | | | | | | | | 3 |
| **Cables ta' taħt il-baħar** | | | | ● | | | | | ● | | | | | | | | | | | | | | | | | | | 2 |
| **Blockchain (EBSI)** | | | | | ● | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | ● | | 2 |
| **Ċentri ta' Operazzjoni ta' Sigurtà** | | | | | | | | | ● | | | | | | | ● | | | | | | | | | | | | 2 |
| **Ħiliet + edukazzjoni** | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | 0 |
| ***Oħrajn*** | | | | | ● | | | ● | ● | ● | ● | | | | | ● | | | ● | | | | | ● | | | ● | 9 |

## 4.3. L-implimentazzjoni tal-RRF u l-involviment tal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha

***Konsultazzjoni tal-imsieħba soċjali, l-awtoritajiet lokali u reġjonali***

**L-Istati Membri ħadu approċċi differenti għall-konsultazzjoni tal-partijiet ikkonċernati fil-kuntest tat-tħejjija tal-RRP rispettiv tagħhom.** Ir-Regolament dwar l-RRF jinkludi obbligu għall-Istati Membri li jipprovdu, bħala parti mill-pjan tagħhom, sommarju tal-konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati mwettqa matul it-tħejjija tal-RRPs, inkluż tas-sħab soċjali u tal-awtoritajiet lokali u reġjonali. Kien f'idejn kull Stat Membru li jiddeċiedi kif jorganizza l-proċess ta' konsultazzjoni tiegħu f'konformità mat-tradizzjonijiet nazzjonali u l-oqfsa legali tiegħu, u l-Istati Membri ħadu approċċi differenti. Pereżempju, filwaqt li xi wħud ikkonsultaw dwar il-pjan ġenerali, oħrajn għamlu dan fil-livell settorjali jew reġjonali. Matul il-pandemija, is-sħab soċjali appoġġaw it-tfassil u l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' emerġenza u rkupru, u tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza fl-Istati Membri kollha. Madankollu, il-konsultazzjoni u l-involviment tagħhom varjaw b'mod sinifikanti fost l-Istati Membri u, b'mod ġenerali, is-sħab soċjali qasmu mal-Kummissjoni feedback imħallat dwar il-proċess ta' konsultazzjoni fil-livell nazzjonali, li jvarja minn konsultazzjoni regolari u dettaljata għal proċessi ta' konsultazzjoni aktar limitati. L-awtoritajiet lokali u reġjonali spiss esprimew ukoll li huma jqisu li kellhom ikunu aktar involuti fit-tħejjija tal-pjani.

**Il-Kummissjoni tenfasizza b'mod regolari l-importanza tal-involviment tal-partijiet ikkonċernati fl-Istati Membri, kemm għat-tħejjija kif ukoll għall-implimentazzjoni tal-pjanijiet.** Għall-implimentazzjoni tal-pjanijiet, il-Kummissjoni tħeġġeġ regolarment lill-Istati Membri biex jinvolvu ruħhom b'mod attiv mas-sħab soċjali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u partijiet ikkonċernati oħra permezz ta' laqgħat regolari apposta. Dawn l-iskambji jistgħu jkunu wkoll opportunità biex ikun hemm involviment fl-aġenda usa' ta' koordinazzjoni tal-politika ekonomika, tal-impjiegi u soċjali u ta' sostenibbiltà u se jgħinu biex jidentifikaw l-isfidi b'mod komuni, itejbu s-soluzzjonijiet ta' politika u jikkontribwixxu għal implimentazzjoni b'suċċess tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza. Lil hinn mill-istrutturi u l-proċeduri li l-Istati Membri għandhom fis-seħħ fil-livell nazzjonali għall-involviment tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, il-Kummissjoni u l-Istati Membri se jorganizzaw avveniment annwali bil-parteċipazzjoni ta' dawk responsabbli għall-implimentazzjoni tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza. Dan l-avveniment annwali ser jinkludi l-partijiet interessati rilevanti kollha, inklużi l-awtoritajiet lokali u reġjonali. Se sservi wkoll bħala pjattaforma orizzontali għall-iskambju ta' fehmiet dwar l-implimentazzjoni tal-pjan u tiżgura kooperazzjoni mill-qrib bejn l-atturi kollha involuti.

***Djalogu interistituzzjonali u responsabbiltà demokratika***

**Il-Kummissjoni qed tikkoopera mill-qrib mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill dwar l-RRF u wriet impenn qawwi biex tiżgura fluss trasparenti ta' informazzjoni.** Matul il-fażi tal-valutazzjoni tal-pjanijiet, il-Kummissjoni pprovdiet informazzjoni lill-Parlament Ewropew bil-fomm u bil-miktub. F'konformità mar-Regolament dwar l-RRF, il-Kummissjoni qasmet mingħajr dewmien żejjed il-Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza kollha ppreżentati uffiċjalment mill-Istati Membri. Sabiex tiffaċilita l-qari, il-Kummissjoni pprovdiet ukoll traduzzjonijiet awtomatiċi bl-Ingliż tal-pjanijiet kollha ppreżentati. Il-Kummissjoni ppubblikat u bagħtet minnufih lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill kull proposta għad-deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill fil-jum tal-adozzjoni tagħha, flimkien ma' Dokument ta' Ħidma tal-Persunal li jiddeskrivi l-analiżi tal-Kummissjoni tal-pjan għall-

irkupru u r-reżiljenza rilevanti. Barra minn hekk, il-Kummissjoni pprovdiet lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill b'tabella ġenerali tal-informazzjoni ewlenija kif ukoll informazzjoni oħra relatata mal-implimentazzjoni tal-Faċilità, inklużi l-istrateġiji ta' komunikazzjoni. Id-dokumenti u l-informazzjoni rilevanti kollha ġew kondiviżi simultanjament u fuq termini ugwali mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill, skont l-Artikolu 25 tar-Regolament RRF.

**B'ħarsa 'l quddiem lejn l-implimentazzjoni tal-pjan, il-Kummissjoni stabbiliet proċess għall-kondiviżjoni tal-ħarsa ġenerali tas-sejbiet preliminari dwar l-issodisfar sodisfaċenti tal-istadji importanti u l-miri rilevanti.** Dan diġà wera li kien utli biex jiġu kondiviżi s-sejbiet relatati mal-ewwel talba għal pagament ippreżentata minn Spanja fi tmiem l-2021. Il-Kummissjoni se tkompli tikkoopera mill-qrib mal-Parlament Ewropew u tiżgura fluss trasparenti ta' informazzjoni b'livell għoli ta' disponibbiltà u impenn matul il-fażi ta' implimentazzjoni fis-snin li ġejjin.

**Il-Kummissjoni kellha skambji regolari mal-Parlament Ewropew biex tiddiskuti suġġetti orizzontali li jikkonċernaw l-RRF.** Fl-2021 saru erba' "Djalogi dwar l-Irkupru u r-Reżiljenza" biex isir skambju ta' fehmiet dwar l-RRF kif previst mir-Regolament dwar l-RRF. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ġiet mistiedna tiltaqa' fuq bażi regolari mal-Grupp ta' Ħidma permanenti tal-Kumitati konġunti ECON-BUDG u pparteċipat fi 15-il laqgħa fl-2021. Dawn il-fora ppermettew li tiġi kondiviża bil-fomm informazzjoni aggregata dwar l-RRPs abbażi ta' preżentazzjonijiet kondiviżi mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill fuq termini ugwali u ppubblikati fuq is-sit web tal-Kummissjoni[43]. Dan l-impenn se jkompli f'konformità mal-impenn tal-Kummissjoni għar-responsabbiltà demokratika tal-Faċilità.

**L-implimentazzjoni tal-RRF hija diskussa wkoll fid-djalogu interistituzzjonali msaħħaħ fil-livell Ewropew, kemm mal-Parlament Ewropew kif ukoll mal-Kunsill.** Skambju kontinwat dwar l-iżviluppi soċjali u ekonomiċi fl-Unjoni Ewropea huwa żgurat permezz tad-Djalogu Makroekonomiku biannwali fil-livell politiku u tekniku bejn il-Kunsill, il-Kummissjoni u r-rappreżentanti tas-sħab soċjali Ewropej. Dan il-format diġà ntuża biex tiġi diskussa l-implimentazzjoni tal-Faċilità u se jipprovdi aktar opportunitajiet biex dan is-suġġett jiġi diskuss fil-futur.

***Komunikazzjoni dwar l-RRF***

**Skont l-RRF, ir-riċevituri tal-appoġġ finanzjarju għandhom jirrikonoxxu l-oriġini u jiżguraw il-viżibbiltà tal-finanzjament tal-Unjoni**[44], b'mod partikolari meta jippromwovu l-azzjonijiet u r-riżultati tagħhom billi jipprovdu informazzjoni mmirata koerenti, effettiva u proporzjonata lil diversi udjenzi inklużi lill-midja u lill-pubbliku.

**L-Istati Membri stabbilixxew siti web nazzjonali u ppubblikaw il-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza tagħhom.** Dawn huma disponibbli wkoll fuq is-sit web tal-Faċilità għall-

[43] https://ec.europa.eu/info/business-economy-euro/recovery-coronavirus/recovery-and-resilience-facility/information-provided-european-parliament-or-council-recovery-and-resilience-plans_en.
[44] inkluż, fejn applikabbli, billi tintwera l-emblema tal-Unjoni u dikjarazzjoni ta' finanzjament xierqa li taqra "iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea — NextGenerationEU".

Irkupru u r-Reżiljenza tal-Kummissjoni[45]. Barra minn hekk, kif imsemmi fit-taqsima 1, il-Kummissjoni nediet Tabella ta' Valutazzjoni li fiha taqsimiet li jipprovdu ħarsa ġenerali lejn il-pajjiżi, il-pilastri, l-iskeda ta' żmien, l-istadji importanti u l-miri, l-iżborżi, l-indikaturi komuni u l-analiżijiet tematiċi[46].

L-Istati Membri, bħala parti mill-RRPs tagħhom, inkludew ukoll deskrizzjoni tal-istrateġiji ta' komunikazzjoni tagħhom, li jissodisfaw ir-rekwiżiti minimi ta' viżibbiltà u komunikazzjoni applikabbli għall-fondi tal-UE definiti fir-Regolament dwar l-RRF kif ukoll fl-Artikolu 34 tar-Regolament (UE) 2021/241. Il-ħidma fuq dawn l-istrateġiji miexja 'l quddiem f'konformità mal-avvanzi fl-implimentazzjoni mill-Istati Membri tal-pjanijiet nazzjonali tagħhom. Il-Kummissjoni tipprovdi pariri regolari lill-Istati Membri f'dan il-qasam.

**Biex tkompli żżid il-viżibbiltà tal-RRF u taħdem id f'id mal-Istati Membri, il-Kummissjoni kabbret in-network INFORM tal-UE biex tinkludi komunikaturi tal-RRF[47].** Dan in-network jiġbor flimkien komunikaturi mill-Istati Membri u l-Kummissjoni fil-fondi kollha tal-UE. Il-parteċipazzjoni tal-RRF tiżgura sinerġiji mal-fondi tal-Politika ta' Koeżjoni kif ukoll ma' fondi oħra tal-UE dwar il-komunikazzjoni tal-UE. F'dan in-network, il-Kummissjoni stabbiliet laqgħat regolari mal-koordinaturi tal-komunikazzjoni tal-RRF mill-Istati Membri. Matul dawn il-laqgħat, il-Kummissjoni tipprovdi pariri lill-Istati Membri dwar ir-rekwiżiti ta' viżibbiltà u komunikazzjoni skont l-RRF, bħall-iżvilupp tal-istrateġija ta' komunikazzjoni, l-istabbiliment ta' sit web nazzjonali tal-RRF, jew l-iżgurar tal-viżibbiltà tal-appoġġ tal-UE mill-benefiċjarji finali. In-network jipprovdi wkoll forum għal skambji tal-aħjar prattiki u tagħlim bejn il-pari fost l-Istati Membri.

**L-uffiċjali tas-Semestru Ewropew stazzjonati fir-Rappreżentanzi tal-Kummissjoni għandhom rwol importanti fit-trawwim tal-kooperazzjoni dwar il-komunikazzjoni f'kull Stat Membru.** Huma stabbilixxew kuntatt mal-kontropartijiet tagħhom fl-amministrazzjonijiet nazzjonali li jittrattaw il-komunikazzjoni biex jiżguraw li l-isforzi ta' komunikazzjoni jitwettqu b'mod konġunt. Din il-kooperazzjoni żżid il-viżibbiltà tal-RRF, pereżempju permezz ta' avvenimenti konġunti ma' rappreżentanti ta' livell għoli tal-Istati Membri u l-Kummissjoni li jenfasizzaw id-dimensjoni Ewropea tal-proġetti appoġġati mill-RRF. Qed tiġi stabbilita wkoll kooperazzjoni mal-Uffiċċji ta' Kollegament tal-Parlament Ewropew biex jiġi żgurat li l-Kummissjoni tinfurmahom dwar l-attivitajiet rilevanti u tinvolvihom fejn xieraq.

---

[45] Il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza | Il-Kummissjoni Ewropea (europa.eu).

[46] It-Tabella ta' Valutazzjoni għall-Irkupru u r-Reżiljenza (europa.eu).

[47] In-network INFORM EU huwa network mifrux mal-UE kollha ta' uffiċjali tal-komunikazzjoni responsabbli għall-komunikazzjoni tal-investimenti tal-UE u tal-Istati Membri taħt ġestjoni kondiviża li jkopri l-fondi tal-UE li ġejjin: Politika Reġjonali: Il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (JTF) u l-Fond ta' Koeżjoni (FK); Politika Soċjali: Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+); Affarijiet Interni: Il-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (AMIF), l-Istrument għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u tal-Viżi (BMVI) u l-Fond għas-Sigurtà Interna (ISF); Affarijiet Marittimi: Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura (FEMSA). Barra minn hekk, in-network ikopri l-RRF.

*Appoġġ tekniku lill-Istati Membri*

**Xi Stati Membri talbu appoġġ tekniku għall-implimentazzjoni tal-pjanijiet tagħhom,** taħt l-Istrument ta' Appoġġ Tekniku (TSI) tal-Kummissjoni li jipprovdi appoġġ għall-bini tal-kapaċità lill-Istati Membri. Fl-2021, aktar minn 140 proġett kienu qed jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-RRPs. Il-proġetti jkopru appoġġ għall-mekkaniżmi ta' implimentazzjoni ġenerali tal-RRPs (eż. monitoraġġ, rapportar, ġestjoni tal-proġetti, mekkaniżmi ta' koordinazzjoni, awditjar u kontroll, l-applikazzjoni tal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" (DNSH) jew il-komunikazzjoni), iżda wkoll appoġġ għall-implimentazzjoni ta' riformi u investimenti tematiċi (eż. l-eżekuzzjoni ta' strateġija nazzjonali tal-intelliġenza artifiċjali fi Spanja, miżuri li jappoġġaw ir-rieżamijiet tal-infiq fil-Belġju, jew l-iżvilupp ta' Strateġija Nazzjonali għall-Idroġenu u Pjan ta' Azzjoni fir-Rumanija).

**Fl-2021, Ċipru, il-Greċja, il-Kroazja, u r-Rumanija inkorporaw fl-RRPs tagħhom appoġġ tekniku addizzjonali għall-implimentazzjoni ta' riformi jew investimenti marbuta mal-RRPs tagħhom** skont l-Artikolu 7(2) tar-Regolament RRF. Barra minn hekk, il-Kroazja ttrasferiet ukoll fondi nazzjonali lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 7 tar-Regolament dwar it-TSI, sabiex tiffinanzja appoġġ tekniku addizzjonali għal tliet proġetti ta' riforma li jinsabu fl-RRP tagħha. Dan se jippermetti 8 proġetti addizzjonali tat-TSI li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-RRP fl-oqsma tal-kura tas-saħħa, l-edukazzjoni, l-akkwist pubbliku, l-enerġija, ir-regolamentazzjoni aħjar, it-tnaqqis tal-piż amministrattiv u l-promozzjoni tal-investiment.

### 4.4. Sistema ta' kontroll u protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni

**Bħala programm ibbażat fuq il-prestazzjoni, il-pagamenti mill-Kummissjoni lill-Istati Membri huma bbażati fuq it-tlestija tal-istadji importanti u l-miri indikati fil-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza.** L-Istati Membri huma l-benefiċjarji tal-fondi tal-RRF, li, ladarba jiġu żborżati, jidħlu fil-baġit nazzjonali. Għal kull RRP, id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tistabbilixxi s-sett assoċjat ta' stadji importanti u miri u l-ammont rilevanti għal kull pagament akkont. Meta talba għal pagament tiġi ppreżentata minn Stat Membru, il-Kummissjoni tivvaluta t-twettiq sodisfaċenti ta' kull stadju importanti u mira indikata bħala kkompletata mill-Istat Membru. Jekk xi wħud mill-istadji importanti u l-miri ma jintlaħqux, il-pagament jista' jiġi sospiż parzjalment. Fl-2021, il-Kummissjoni stabbiliet qafas ta' monitoraġġ u kontroll għall-RRF, inklużi unitajiet tal-awditjar u legali ddedikati, u strateġiji speċifiċi ta' kontroll u awditjar imfassla għall-Faċilità. Il-Kummissjoni stabbiliet ukoll proċeduri interni bir-reqqa għall-valutazzjoni tal-Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza u talbiet sussegwenti għal pagamenti, li jiżguraw kontrolli ex ante u ex post effettivi u effiċjenti.

**Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi sistema ta' kontroll effettiva u effiċjenti. Dan l-obbligu hu previst fl-Artikolu 22(1) tar-Regolament dwar l-RRF.** Kull Stat Membru jrid jagħti dettalji dwar is-sistema nazzjonali ta' kontroll tiegħu fl-RRP nazzjonali tiegħu u tali

sistema tiġi vvalutata mill-Kummissjoni bħala "adegwata" (A) jew "insuffiċjenti" (C)[48]. Jekk l-arranġamenti proposti mill-Istat Membru jiġu vvalutati bħala insuffiċjenti, il-pjan ma jistax jiġi approvat. Filwaqt li l-Istati Membri huma primarjament responsabbli għall-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha wkoll is-setgħa li tirkupra l-fondi u/jew tapplika korrezzjonijiet finanzjarji f'każijiet ta' frodi, korruzzjoni u kunflitt ta' interess li ma jkunux ġew irkuprati mill-Istati Membri jew f'każ ta' ksur serju tal-obbligi li jinsabu fil-ftehimiet ta' finanzjament u ta' self.

**Wara l-valutazzjoni tagħhom, il-Kummissjoni kkonkludiet li t-22 RRPs kollha adottati fl-2021 għandhom sistema ta' kontroll adegwata. Madankollu, il-Kummissjoni identifikat ukoll xi nuqqasijiet f'16 minnhom u talbet lill-Istati Membri kkonċernati jieħdu miżuri ta' rimedju addizzjonali qabel l-ewwel talba għal pagament regolari.** L-Istati Membri kkonċernati qablu li jżidu l-miżuri meħtieġa fl-RRPs rispettivi tagħhom[49]. L-istadji importanti u l-miri korrispondenti huma inklużi fl-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (CID) u jridu jiġu ssodisfati qabel l-ewwel talba għal pagament regolari (u b'hekk jiġu esklużi l-pagamenti ta' prefinanzjament). Għalhekk, l-adegwatezza tas-sistemi ta' kontroll hija żgurata aktar qabel ma jsir kwalunkwe pagament regolari lil Stat Membru.

**Il-Kummissjoni tirrieżamina d-"dikjarazzjoni ta' ġestjoni"[50] u s-"sommarju tal-awditi"[51] pprovduti mill-Istati Membri ma' kull talba għal pagament u timplimenta awditi ex post dwar l-istadji importanti u l-miri.** Biex jiġi vverifikat jekk l-istadji importanti u l-miri ntlaħqux b'mod sodisfaċenti, l-evidenza pprovduta mill-Istat Membru (f'konformità mad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill u l-Arranġamenti Operazzjonali) tiġi vvalutata minn timijiet tal-pajjiżi ddedikati li jinvolvu diversi DĠ. Barra minn hekk, unità tal-awditjar iddedikata teżamina d-dikjarazzjonijiet ta' ġestjoni u s-sommarju tal-awditi pprovduti mill-Istati Membri ma' kull talba għal pagament. L-awditi ex post ibbażati fuq ir-riskju se jipprovdu assigurazzjoni addizzjonali li l-informazzjoni

[48] Huwa jivvaluta b'mod partikolari jekk is-sistema ta' kontroll hijiex ibbażata fuq proċessi u strutturi robusti, jidentifikax atturi ċari u r-rwoli u r-responsabbiltajiet tagħhom u jiżgurax segregazzjoni xierqa tal-funzjonijiet. Dawn il-korpi jrid ikollhom is-setgħa legali u l-kapaċità amministrattiva biex jeżerċitaw ir-rwoli u l-kompiti previsti tagħhom matul l-implimentazzjoni tal-pjan. Il-Kummissjoni tirrevedi wkoll l-arranġamenti deskritti fil-pjan għall-ġbir u d-disponibbiltà tad-data dwar ir-riċevituri finali, biex tipprevjeni, tidentifika u tikkoreġi l-korruzzjoni, il-frodi u l-kunflitti ta' interess meta jintużaw il-fondi. Il-Kummissjoni tħares ukoll lejn l-arranġamenti deskritti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza biex tevita finanzjament doppju, biex tiddetermina jekk humiex adegwati.

[49] In-nuqqasijiet identifikati fis-sistemi ta' kontroll tal-Istati Membri, inkludew in-nuqqas ta' sistema ta' repożitorju li kapaċi tiġbor u taħżen data kif meħtieġ mir-regolament dwar l-RRF, in-nuqqas ta' mandati legali għad-diversi korpi inkarigati mill-implimentazzjoni u l-awditjar tal-fondi, il-kapaċità amministrattiva insuffiċjenti tal-korpi ta' implimentazzjoni u tal-awditjar inkarigati mill-implimentazzjoni tal-RRP, in-nuqqas ta' strateġija tal-awditjar ċara jew miżuri kontra l-frodi. Dawn in-nuqqasijiet kollha jeħtieġ li jiġu kkoreġuti qabel ma Stat Membru jkun jista' jirċievi l-ewwel pagament regolari tiegħu, jiġifieri l-ewwel pagament taħt l-RRF minbarra l-pagament ta' prefinanzjament.

[50] Fid-dikjarazzjoni ta' ġestjoni pprovduta mat-talba għal pagament, l-Istati Membri jridu jirreferu għall-fatt li s-sistemi ta' kontroll fis-seħħ jagħtu l-assigurazzjonijiet meħtieġa li l-fondi ġew ġestiti f'konformità mar-regoli applikabbli kollha - b'mod partikolari regoli dwar l-evitar ta' kunflitt ta' interess, il-prevenzjoni tal-frodi, il-korruzzjoni, u l-finanzjament doppju f'konformità mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba.

[51] Sommarju tal-awditi mwettqa fil-livell nazzjonali matul il-perjodu ta' implimentazzjoni.

pprovduta mill-Istat Membru hija korretta. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tirkupra fondi jekk issib ex post li stadju importanti jew mira ma jkunux intlaħqu b'mod sodisfaċenti.

**Sal-lum, il-Kummissjoni rrevediet jew tinsab fil-proċess li tirrevedi d-dikjarazzjonijiet ta' ġestjoni u s-sommarju tal-awditi inklużi fil-ħames talbiet għal pagament ippreżentati minn Spanja, Franza, il-Greċja, l-Italja u l-Portugall.** Minħabba l-perjodu qasir ta' żmien bejn l-approvazzjoni tal-pjanijiet u s-sottomissjoni ta' dawn it-talbiet għal pagament, l-ambitu tax-xogħol tal-awditjar imwettaq mill-awtoritajiet nazzjonali kien b'mod ġenerali limitat. Il-Kummissjoni talbet informazzjoni addizzjonali mill-awtoritajiet nazzjonali b'mod partikolari biex tivvaluta jekk id-data msemmija fl-Artikolu 22 tar-Regolament kinitx effettivament miġbura u maħżuna fis-sistema nazzjonali u identifikat għadd ta' punti li għandhom jiġu segwiti fil-livell nazzjonali fl-2022, kif rifless fil-valutazzjonijiet preliminari tal-Kummissjoni tat-talbiet għal pagament rilevanti.

**Filwaqt li r-responsabbiltà primarja għall-protezzjoni tal-interessi finanzjarji hija tal-Istati Membri, matul l-implimentazzjoni tal-pjan, il-Kummissjoni se twettaq awditi tas-sistema fuq is-sistemi ta' monitoraġġ u kontroll ta' dawn l-Istati Membri.** B'mod partikolari, il-Kummissjoni se tivverifika l-miżuri li l-Istati Membri jimplimentaw biex jipprevjenu, jidentifikaw u jikkoreġu każijiet ta' frodi, korruzzjoni, kunflitt ta' interess u finanzjament doppju. Dan se jkopri wkoll sistemi biex tinġabar u tinħażen data dwar il-benefiċjarji, il-kuntratturi, is-sottokuntratturi, u s-sidien benefiċjarji. Il-Kummissjoni tista' tkompli timplimenta awditi aleatorji u ffukati, tinvestiga l-frodi, il-korruzzjoni u l-kunflitt ta' interess possibbli. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tirkupra fondi jew tniedi korrezzjonijiet finanzjarji jekk ikunu ġew identifikati frodi, korruzzjoni jew kunflitt ta' interess u ma jkunux ġew ikkoreġuti mill-Istati Membri jew f'każ li l-Istati Membri jikkommettu ksur serju tal-obbligi inklużi fil-ftehimiet ta' finanzjament u ta' self.

### 4.5. <u>Komplementarjetà ma' finanzjament ieħor tal-UE</u>

**FGħat-tħejjija tal-pjanijiet, ir-regolament dwar l-RRF u l-gwida tal-Kummissjoni[52] lill-Istati Membri pprovdew prinċipji biex jiġi żgurat li ma jkun hemm l-ebda finanzjament doppju tal-istess kostijiet mill-RRF u minn fondi oħra tal-UE.** B'mod partikolari, l-RRPs spjegaw il-proċessi u l-istrutturi stabbiliti fil-livelli nazzjonali u reġjonali biex jiżguraw il-komplementarjetà u l-koordinazzjoni tal-ġestjoni ta' diversi sorsi ta' finanzjament tal-UE. Jenħtieġ li jiżguraw li l-appoġġ mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza jkun addizzjonali għall-appoġġ ipprovdut taħt fondi u programmi oħra tal-Unjoni u li tali appoġġ ma jkoprix l-istess kostijiet. L-RRPs għandhom jispeċifikaw ukoll proġetti fejn huwa previst kofinanzjament ma' programmi oħra tal-Unjoni u jindikaw x'għandu jiġi kopert minn kull sors ta' finanzjament.

**Fil-fażi ta' implimentazzjoni, l-Istati Membri huma meħtieġa jimmonitorjaw is-sitwazzjoni u jipprovdu assigurazzjoni li ma hemm l-ebda finanzjament doppju.** Meta jissottomettu t-talba tagħhom għal pagament, l-Istati Membri jipprovdu dikjarazzjoni ta'

[52] SWD(2021) 12 final.

ġestjoni li tinkludi impenn biex jiġi evitat finanzjament doppju u referenza għas-sistemi ta' monitoraġġ u kontroll fis-seħħ. Barra minn hekk, bħala parti mir-rapport biannwali, l-Istat Membru se jipprovdi kwalunkwe aġġornament possibbli dwar l-użu ta' programmi oħra tal-UE għar-riformi u l-investimenti koperti mill-RRP approvat, inkluża speċifikazzjoni tal-kostijiet koperti minn dawk il-programmi f'każ ta' kofinanzjament. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li twettaq kontrolli u awditi tas-sistema xierqa abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri.

**Matul il-fażi preparatorja tal-RRPs, il-Kummissjoni pprovdiet appoġġ lill-Istati Membri biex jidentifikaw strumenti xierqa fil-livell tal-Unjoni biex jinħolqu sinerġiji mal-miżuri ffinanzjati taħt l-RRF.** Eżempju prominenti huwa l-appoġġ ipprovdut taħt l-Istrument ta' Appoġġ Tekniku u l-predeċessur tiegħu l-Programm ta' Appoġġ għal Riformi Strutturali. B'mod notevoli, se jgħinu lill-Istati Membri fit-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-RRPs. L-appoġġ settorjali se jkun disponibbli wkoll għall-Istati Membri permezz tal-Faċilità ta' Appoġġ għall-Politika ta' Orizzont għall-implimentazzjoni tar-riformi tal-politika tar-R&I. Pereżempju, fil-kuntest ta' "Rail Baltica", il-finanzjament tal-RRF ġie kkombinat ma' tipi oħra ta' appoġġ, inkluża l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa 2.0. Il-proġetti globali dwar l-infrastruttura ferrovjarja jibqgħu l-istess u diversi fondi jappoġġaw tipi differenti ta' nefqa. Meta wieħed iħares 'il quddiem, matul il-ħajja tal-implimentazzjoni tal-Faċilità, il-Kummissjoni se tkompli tħeġġeġ lill-Istati Membri jagħtu attenzjoni mill-qrib lill-opportunitajiet li ġejjin għal sinerġiji ma' programmi oħra tal-Unjoni.

**Peress li l-appoġġ taħt l-RRF jibqa' għaddej sal-2026, il-Kummissjoni tassisti fl-identifikazzjoni ta' miżuri oħra ta' finanzjament li jkopru perjodi ta' żmien jew stadji differenti tal-proġetti.** Dan se jiżgura li l-finanzjament jiġi żgurat anke wara ċ-ċiklu tal-ħajja attwali tal-RRF, li huwa limitat fiż-żmien. Barra minn hekk, il-Kummissjoni għenet fl-identifikazzjoni ta' fondi u programmi tal-Unjoni li huma mmirati lejn l-istess objettiv iżda li jkopru tipi differenti ta' miżuri. Pereżempju, fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, il-miżuri taħt il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza jipprovdu appoġġ għall-ħolqien ta' infrastruttura diġitali u l-finanzjament taħt il-fondi tal-politika ta' koeżjoni għall-2021-2027 jiffoka fuq investimenti komplementari, pereżempju l-appoġġ ta' programmi vokazzjonali għal gruppi żvantaġġati.

**Il-Kummissjoni tiżgura li l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza tkun komplementari għall-fondi tal-politika ta' koeżjoni taħt il-programmazzjoni 2021-2027.** Filwaqt li l-perjodu ta' tħejjija tal-RRF kważi tlesta, l-ipprogrammar taħt il-QFP 2021-2027 għadu għaddej. Il-Kummissjoni tagħti attenzjoni speċjali lir-rabta bejn l-RRF u l-fondi koperti mill-Ftehimiet ta' Sħubija mal-Istati Membri u minħabba l-perjodu ta' żmien li jikkoinċidi fin-negozjati, kien possibbli li jiġu stabbiliti sinerġiji fost dawn l-istrumenti differenti tal-Unjoni. B'mod partikolari, il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri għandhom stampa ċara tal-miżuri inklużi fl-RRPs tagħhom f'dan l-istadju u jistgħu jqisu dan fl-ipprogrammar tagħhom tal-fondi tal-politika ta' koeżjoni. Dan se jiżgura li l-miżuri jkunu komplementari.

## 5. Konklużjoni

**Fil-kuntest tal-kriżi tal-COVID-19, l-RRF ġiet stabbilita fi Frar 2021 biex tipprovdi appoġġ finanzjarju sinifikanti lill-Istati Membri biex iżidu l-implimentazzjoni ta' riformi u investimenti sostenibbli u jippromwovu l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tal-Unjoni.** Sal-2026, il-Faċilità se tagħmel disponibbli EUR 672.5 biljun f'self u appoġġ mhux ripagabbli lill-Istati Membri, biex tappoġġa r-riformi u l-investimenti tagħhom imwettqa biex jittaffew l-impatti tal-pandemija tal-coronavirus u biex l-ekonomiji u s-soċjetajiet Ewropej isiru aktar sostenibbli, reżiljenti u mħejjija aħjar għall-isfidi u l-opportunitajiet tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali.

**Sena wara l-istabbiliment tal-Faċilità, saru avvanzi kbar u l-implimentazzjoni miexja sew.** Il-Kunsill adotta 22 pjan ta' rkupru u reżiljenza, li jammontaw għal total ta' EUR 445 biljun (EUR 291 biljun f'finanzjament mhux ripagabbli u EUR 154 biljun f'self). Il-Kummissjoni żborżat EUR 56.6 biljun fi prefinanzjament u EUR 10 biljun fl-ewwel pagament fl-2021. L-implimentazzjoni tal-Faċilità issa miexja sew, b'madwar 30 talba għal pagament mistennija fl-2022. Is-suċċess tal-ħruġ ta' bonds u kontijiet "NextGenerationEU" huwa wkoll pass importanti għall-Unjoni, li jagħti lill-UE għodda b'saħħitha biex tiffinanzja l-irkupru u toħroġ mill-kriżi aktar reżiljenti, aktar ġusta u aktar ekoloġika.

**L-RRF hija għodda innovattiva: huwa strument uniku, immexxi mid-domanda, "ibbażat fuq il-prestazzjoni", li jipprovdi appoġġ finanzjarju dirett lill-Istati Membri marbut mal-kisba tar-riżultati.** Il-fondi jiġu żborżati kontra l-implimentazzjoni sal-2026 tar-riformi u l-investimenti mfassla biex jirrispondu għall-isfidi li qed jiffaċċjaw l-Istati Membri. L-iżborżi tal-fondi tal-RRF jiddependu fuq it-twettiq sodisfaċenti tal-istadji importanti u l-miri — miftiehma ex ante mal-Istati Membri u approvati mill-Kunsill għall-implimentazzjoni tal-miżuri proposti mill-Istati Membri fil-pjanijiet nazzjonali tagħhom għall-irkupru u r-reżiljenza. L-ewwel pagament lil Spanja fi tmiem l-2021 diġà juri l-impatt tal-Faċilità fl-appoġġ tal-implimentazzjoni ta' riformi importanti. Kif muri f'dan ir-rapport, ir-riformi u l-investimenti appoġġati mill-Faċilità jirrispondu għall-isfidi speċifiċi tal-Istati Membri u jikkontribwixxu għal oqsma ta' politika ta' rilevanza ewlenija għall-futur tal-Unjoni (is- "sitt pilastri"). Huma se jikkontribwixxu għall-aġenda politika ambizzjuża tal-Unjoni biex tmexxi rkupru sostenibbli, ġust u inklużiv u biex tagħmel l-ekonomija tal-UE aktar reżiljenti għal xokkijiet futuri, filwaqt li tittrasforma l-ekonomiji u s-soċjetajiet tal-UE f'konformità mal-ambizzjoni tat-tranżizzjonijiet doppji, u l-Pilastru Ewrew tad-Drittijiet Soċjali.

**Il-valur miżjud tal-istrument diġà huwa tanġibbli.** L-implimentazzjoni tal-Faċilità qed tiskatta wkoll effetti konsegwenzjali pożittivi madwar l-Unjoni u tappoġġa l-konverġenza ekonomika. Fl-aħħar iżda mhux l-inqas, il-Faċilità tappoġġa l-implimentazzjoni ta' proġetti multinazzjonali ta' rilevanza ewlenija għall-Unjoni, li juru wkoll l-"addizzjonalità" tal-fondi tal-UE. Il-progress li sar fl-implimentazzjoni tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza u l-iżborż tal-Faċilità jista' jiġi traċċat b'mod dirett fuq pjattaforma pubblika online, it-Tabella ta' Valutazzjoni għall-Irkupru u r-Reżiljenza, li turi l-progress miksub għal kull stadju importanti u mira.

**Il-Kummissjoni hija impenjata li l-implimentazzjoni tal-RRF tkun suċċess kondiviż għall-Ewropej kollha.** Għal dak il-għan, il-Kummissjoni se tkompli tagħmel l-almu tagħha biex tinvolvi lill-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha għal implimentazzjoni b'suċċess tal-pjanijiet u se żżomm l-impenn mill-qrib tagħha mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill matul l-implimentazzjoni tal-Faċilità.

## ANNESS

## Ħarsa ġenerali lejn is-sitwazzjoni attwali

| | Sottomissjoni uffiċjali | Valutazzjoni pożittiva tal-COM | Adozzjoni mill-Kunsill | L-1el prefinanzjament imħallas | OA ffirmat | Talba għal pagament preżentazzjoni | Pagament |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-Awstrija | 30 ta' April | 21 ta' Ġunju | 13 ta' Lulju | 28 ta' Settembru (EUR 450 miljun) | | | |
| Il-Belġju | 30 ta' April | 23 ta' Ġunju | 13 ta' Lulju | 3 ta' Awwissu (EUR 770 miljun) | | | |
| Il-Bulgarija | 15 ta' Ottubru | | | | | | |
| Ċipru | 17 ta' Mejju | 8 ta' Lulju | 28 ta' Lulju | 9 ta' Settembru (EUR 157 miljun) | | | |
| Ir-Repubblika Ċeka | 1 ta' Ġunju | 19 ta' Lulju | 8 ta' Settembru | 28 ta' Settembru (EUR 915 miljun) | | | |
| Id-Danimarka | 30 ta' April | 17 ta' Ġunju | 13 ta' Lulju | 2 ta' Settembru (EUR 201 miljun) | | | |
| Il-Ġermanja | 28 ta' April | 22 ta' Ġunju | 13 ta' Lulju | 26 ta' Awwissu (EUR 2.25 biljun) | | | |
| L-Estonja | 18 ta' Ġunju | 5 ta' Ottubru | 29 ta' Ottubru | 17 ta' Diċembru (EUR 126 miljun) | | | |
| Il-Greċja | 27 ta' April | 17 ta' Ġunju | 13 ta' Lulju | 9 ta' Awwissu (EUR 4 biljun) | 21 ta' Diċembru | 29 ta' Diċembru | |
| Spanja | 30 ta' April | 16 ta' Ġunju | 13 ta' Lulju | 17 ta' Awwissu (EUR 9 biljun) | 10 ta' Novembru | 11 ta' Novembru | 27 ta' Diċembru<br><br>(EUR 10 biljun) |
| Il-Finlandja | 27 ta' Mejju | 4 ta' Ottubru | 29 ta' Ottubru | 21 ta' Jannar 2022 (EUR 271 miljun) | | | |
| Franza | 28 ta' April | 23 ta' Ġunju | 13 ta' Lulju | 19 ta' Awwissu (EUR 5.1 biljun) | 25 ta' Novembru | 26 ta' Novembru | |
| Il-Kroazja | 14 ta' Mejju | 8 ta' Lulju | 28 ta' Lulju | 28 ta' Settembru (EUR 818 miljun) | 9 Frar | | |
| L-Ungerija | 11 ta' Mejju | | | | | | |
| L-Irlanda | 28 ta' Mejju | 16 ta' Lulju | 8 ta' Settembru | Ma intalabx prefinanzjament | | | |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-Italja | 30 ta' April | 22 ta' Ġunju | 13 ta’ Lulju | 13 ta’ Awwissu (EUR 24.9 biljun) | 22 ta’ Diċembru | 30 ta’ Diċembru | |
| Il-Latvja | 30 ta' April | 22 ta' Ġunju | 13 ta’ Lulju | 10 ta’ Settembru (EUR 237 miljun) | 16 ta’ Frar | | |
| Il-Litwanja | 14 ta' Mejju | 2 ta’ Lulju | 28 ta’ Lulju | 17 ta’ Awwissu (EUR 289 miljun) | | | |
| Il-Lussemburgu | 30 ta' April | 18 ta' Ġunju | 13 ta’ Lulju | 3 ta’ Awwissu (EUR 12.1 miljun) | | | |
| Malta | 13 ta’ Lulju | 16 ta’ Settembru | 5 ta’ Ottubru | 17 ta’ Diċembru (EUR 41.1 miljun) | | | |
| In-Netherlands | | | | | | | |
| Il-Polonja | 3 ta' Mejju | | | | | | |
| Il-Portugall | 22 ta' April | 16 ta' Ġunju | 13 ta’ Lulju | 3 ta’ Awwissu (EUR 2.2 biljun) | 18 ta' Jannar | 25 ta' Jannar | |
| Ir-Rumanija | 31 ta' Mejju | 28 ta’ Settembru | 29 ta’ Ottubru | 2 ta’ Diċembru (EUR 1.8 biljun) | | | |
| Is-Slovakkja | 29 ta' April | 21 ta' Ġunju | 13 ta’ Lulju | 13 ta’ Ottubru (EUR 823 miljun) | 16 ta’ Diċembru | | |
| Is-Slovenja | 30 ta' April | 1 ta’ Lulju | 28 ta’ Lulju | 17 ta’ Settembru (EUR 231 miljun) | | | |
| L-Iżvezja | 28 ta' Mejju | | | | | | |